Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

8094/18
ADD 1

LIMITE

ACP 24
PTOM 10
COAFR 93
COLAC 19
COASI 104
WTO 88
RELEX 326

PUBLIC

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Direttivi ta' negozjati għal Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-direttivi ta' negozjati għal Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-oħra.

DIRETTIVI GĦAL NEGOZJATI TA' FTEHIM TA' SĦUBIJA BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA, U L-PAJJIŻI TAL-GRUPP TA' STATI AFRIKANI, TAL-KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU MIN-NAĦA L-OĦRA

Werrej

1. NATURA U KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM

2. FONDAZZJONI

3. SĦUBIJA UE-AFRIKA

4. SĦUBIJA BEJN L-UE U L-KARIBEW

5. SĦUBIJA BEJN L-UE U L-PAĊIFIKU

6. KOOPERAZZJONI DIVERSIFIKATA

7. QAFAS ISTITUZZJONALI

8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

1. NATURA U KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM

L-għan tan-negozjati huwa li tiġi konkluża Sħubija msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-oħra.

Il-Ftehim il-ġdid huwa maħsub bħala sħubija komprensiva bil-għan li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet u tiġġenera riżultati ta' benefiċċju reċiproku dwar interessi komuni u intersezzjonati. Il-Ftehim ser ikollu l-għan li jikseb progress fl-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, fuq il-bażi tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala l-oqfsa ġenerali li jiggwidaw is-sħubija. Il-Ftehim ser jipprova jibni stati u soċjetajiet paċifiċi u reżiljenti. Ser jipprova jsaħħaħ l-investiment, jappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat, u jsaħħaħ l-integrazzjoni reġjonali. Huwa ser jappoġġa t-transizzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u lejn żvilupp u ekonomiji reżiljenti għall-klima, u ser jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti għal kulħadd. Il-Ftehim ser jipprova jeqred il-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Il-Ftehim ser jipprova jiżgura ġlieda effiċjenti kontra t-terroriżmu, sabiex jinħasdu l-benefiċċji ta' migrazzjoni ġestita tajjeb, titwaqqaf il-migrazzjoni irregolari u jiġu indirizzati l-kawżi tagħha, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u l-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE, kif ukoll jiżgura rispett sħiħ ta' impenji internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi. Il-Ftehim ser jiffaċilita wkoll pożizzjonijiet komuni fix-xena dinjija, b'mod li jsaħħaħ il-multilateraliżmu u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.

L-għan huwa li jinkiseb Ftehim ġdid li jikkonsisti f'Fondazzjoni u tliet sħubijiet reġjonali. Il-Fondazzjoni, applikabbli għall-membri kollha tas-Sħubija, ser telenka l-objettivi, il-prinċipji u l-prijoritajiet ġenerali, u tippermetti aktar kooperazzjoni fil-livell internazzjonali. Iċ-ċentru tal-gravità ser ikun fuq is-sħubijiet reġjonali, l-iffissar ta' prijoritajiet speċifiċi għal pajjiżi fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku, skont id-dinamika reġjonali intensifikata u l-importanza dejjem akbar ta' organizzazzjonijiet reġjonali. Il-Ftehim ser ikun miftuħ għal u jilqa' l-involviment jew l-adeżjoni ta' pajjiżi terzi, li jħaddnu l-istess valuri, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi, u jikkondividu l-istess interessi. Il-Ftehim ser iqis it-tħassib speċifiku tar-Reġjuni Ultraperiferiċi u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej tal-UE. Is-sħubijijiet reġjonali huma Protokolli għall-ftehim, li jipprevedu qafas legali komprensiv tar-relazzjonijiet. Fl-istess ħin, is-sħubijiet reġjonali jippermettu aġġustament flessibbli għat-tibdil fiċ-ċirkostanzi permezz tal-applikazzjoni ta' proċedura simplifikata biex jiġu riveduti t-tliet Protokolli.

Il-Ftehim ser jibni fuq il-valuri u l-prinċipji ewlenin tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou u jsaħħaħhom, b'mod partikolari l-Artikoli 8 sa 13 u 96 u 97. Ser jinkludi struttura istituzzjonali adattata, effettiva, eħfef u flessibbli li tissimplifika u tirrazzjonalizza r-relazzjonijiet bejn il-Partijiet, u b'hekk tippermetti aktar koerenza mal-oqfsa eżistenti u tagħmel possibbli li jittieħdu deċiżjonijiet u azzjonijiet aktar malajr u b'mod aktar effettiv.

Il-Ftehim ser jipprovdi diviżjoni aktar ċara tax-xogħol bejn l-atturi nazzjonali, reġjonali u dawk sottoreġjonali. Ser jiddikjara wkoll li l-Partijiet ser isegwu approċċ inklużiv u miftuħ b'approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, inkluż billi jsaħħu r-rwol tal-parlamenti, tal-awtoritajiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat, kemm fil-Fondazzjoni kif ukoll fis-sħubijiet reġjonali.

2. FONDAZZJONI

PARTI 1 DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Il-Ftehim ser jafferma li d-dispożizzjonijiet fil-Fondazzjoni huma parti integrali mill-prijoritajiet ta' kull sħubija reġjonali.

Titolu I Objettivi

Il-Ftehim ser jistabbilixxi li l-Partijiet għandhom l-objettivi komuni ta':

- Il-ħolqien ta' sħubija komprensiva ffukata fuq il-bini ta' stati u soċjetajiet paċifiċi, stabbli, regolati sew, għonja u reżiljenti;
- L-aċċelerazzjoni tal-progress lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u b'mod partikolari l-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi, u li ħadd ma jitħalla barra, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet differenti ta' pajjiżi differenti;
- Il-bini ta' alleanzi effettivi f'kuntesti internazzjonali, bil-għan li titmexxa 'l quddiem l-azzjoni globali.

B'mod aktar speċifiku, il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom biex jieħdu azzjonijiet konkreti sabiex:

- Jippromwovu, jirrispettaw, iħarsu u jiksbu d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba,
- Irawmu l-iżvilupp tal-bniedem u d-dinjità għal kulħadd, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u l-bniet;
- Jixprunaw tkabbir sostenibbli u inklużiv u xogħol deċenti għal kulħadd;
- Iħarsu l-ambjent, jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jippromwovu enerġija sostenibbli;
- Jippromwovu l-paċi, is-sigurtà u l-ġustizzja;
- Ibiddlu l-mobbiltà u l-migrazzjoni regolari f'opportunitajiet, iwaqqfu l-migrazzjoni irregolari u jindirizzaw il-kawżi tagħha, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u l-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE.

Titolu II Prinċipji

Il-Ftehim ser jistabbilixxi li l-objettivi tas-Sħubija, mirfuda minn sistema legalment vinkolanti, ser issir ħidma biex jintlaħqu fi spirtu ta' ugwaljanza, nondiskriminazzjoni, solidarjetà, reċiproċità, obbligu ta' rendikont u rispett reċiproku.

Il-Ftehim ser jikkonferma l-impenn tal-Partijiet li jsaħħu d-djalogu politiku regolari fil-livelli kollha u permezz tal-format li jgħin l-aktar biex jintlaħqu l-objettivi tas-Sħubija.

Il-Ftehim ser jesprimi l-impenn u l-appoġġ attiv tal-Partijiet għal sistema multilaterali b'saħħitha u effettiva u d-determinazzjoni tagħhom li jikkooperaw f'fora multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku u globali.

Il-Ftehim għandu jiċċertifika li ser issir ħidma għall-objettivi tas-Sħubija permezz ta' approċċ integrat li jħaddan fih elementi politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali u ambjentali, f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet ser jieħdu deċiżjonijiet u jieħdu azzjonijiet fl-aktar livell xieraq, f'konformità mal-prinċipji tal-komplementarjetà u s-sussidjarjetà. Għandha ssir kooperazzjoni f'formati reġjonali formali u ad hoc sabiex jintlaħqu l-objettivi tas-Sħubija b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet ser jippromwovu approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, li jagħmel possibbli l-involviment attiv ta' firxa wiesgħa ta' atturi fi proċessi ta' djalogu u ta' kooperazzjoni, fosthom il-parlamenti, l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet ser jippromwovu sistematikament perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u li l-ugwaljanza bejn is-sessi ser tiġi integrata fil-politiki kollha.

Il-Ftehim ser jistabbilixxi li l-Partijiet għandhom jiżguraw li huma stabbiliti l-miżuri u l-mekkaniżmi meħtieġa kollha għall-monitoraġġ u s-segwitu biex id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim isiru effettivi, u li l-Partijiet ikunu obbligati jagħtu rendikont b'rabta mal-issodisfar tal-obbligi tagħhom.

Titolu III Djalogu politiku

Il-Ftehim ser jirriafferma l-impenn tal-Partijiet li jkomplu jiżviluppaw u jsaħħu d-djalogu politiku dwar l-oqsma, il-prinċipju, l-għanijiet u l-objettivi kollha definiti fil-Ftehim.

L-objettivi tad-djalogu ser ikunu li (i) jrawwem il-fehim reċiproku tal-pożizzjonijiet u l-interessi ta' kull Parti u (ii) jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-Ftehim, billi jiffaċilita u jippermetti kooperazzjoni effettiva fuq il-kwistjonijiet kollha ta' tħassib komuni, fuq livell nazzjonali, reġjonali u kontinentali, u billi jippermetti koordinazzjoni regolari fuq kwistjonijiet internazzjonali u globali ta' interess komuni. Id-djalogu jista' jkollu wkoll l-għan li jmexxi 'l quddiem inizjattivi ġodda li jsegwu objettivi komuni, aġendi u prijoritajiet maqbula b'mod konġunt, inkluż billi jistabbilixxi formoli u formati ġodda ta' kooperazzjoni.

Id-djalogu ser jitmexxa b'mod regolari, b'mod flessibbli u mfassal apposta. Ser isir fl-aktar format u livell xieraq. Ser jieħu vantaġġ sħiħ mill-mezzi kollha possibbli, inkluż fil-kuntest ta' laqgħat internazzjonali.

Titolu IV Koerenza tal-politiki għall-iżvilupp

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li l-għanijiet integrati u marbutin tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli jirrikjedu qafas ta' politika ta' abilitazzjoni f'livelli differenti u approċċi proattivi sabiex ikun hemm sinerġiji ta' politiki differenti. Għal dan il-għan, il-Partijiet ser itennu l-impenn tagħhom għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp bħala element kruċjali biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u kontribut importanti għall-objettiv usa' tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Partijiet ser jaqblu li kull waħda minnhom tagħmel il-parti tagħha biex taħdem għall-koerenza tal-politiki, sabiex jiġi żgurat li l-politiki tagħhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, kemm domestikament kif ukoll internazzjonalment.

Il-Ftehim ser jinkludi l-impenn ta' kull Parti li individwalment u kollettivament tuża bl-aħjar mod il-benefiċċji u tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv li l-politiki tagħha jista' jkollhom fuq il-Partijiet l-oħrajn. Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom ukoll li jagħtu informazzjoni u, fejn xieraq, jikkonsultaw mal-Partijiet l-oħra, fi ħdan il-format istituzzjonali stabbilit, dwar inizjattivi u miżuri li jistgħu jolqtu b'mod sinifikanti lill-Partijiet l-oħra.

PARTI 2 PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI

Titolu I Id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Partijiet ser itennu l-impenn tagħhom li jippromwovu, iħarsu u jiksbu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li huma universali u indiviżibbli, kif ukoll li jippromwovu l-valuri tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u s-solidarjetà. Il-Partijiet ser jippromwovu dawn il-valuri b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-Karta tan-NU u tal-liġi internazzjonali.

Il-Ftehim ser jiżgura li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt jirfdu l-politiki interni u internazzjonali tal-partijiet u jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim. Il-governanza tajba ser tirfed ukoll il-politiki domestiċi u internazzjonali tal-Partijiet u ser tikkostitwixxi element fundamentali tal-Ftehim. Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li nuqqasijiet lejn il-kisba u r-rispett tal-elementi essenzjali u fundamentali jippreżentaw sfidi kbar għas-Sħubija u jxekklu l-iżvilupp sostenibbli. Il-Ftehim ser jiżgura wkoll li ebda reġjun ma jkun soġġett għal trattament differenzjali b'rabta mal-applikazzjoni ta' dawn l-elementi, li ser japplikaw indaqs għat-tliet sħubijiet reġjonali.

Il-Ftehim ser jippromwovi politiki ibbażati fuq id-drittijiet, li jinkludu d-drittijiet kollha tal-bniedem u li jiżguraw aċċess ugwali għal opportunitajiet għall-membri kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-etniċità, is-sess, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon, it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. Ser jinkludi wkoll impenn għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, kif ukoll għall-għarfien u l-progress tad-drittijiet tal-popli indiġeni.

Il-Ftehim, filwaqt li jagħraf l-importanza ta' soċjetajiet pluralistiċi, ser jinkludi impenn tal-Partijiet li jrawmu proċessi politiċi inklużivi; li jappoġġaw elezzjonijiet inklużivi, trasparenti u kredibbli; li jippromwovu istituzzjonijiet responsabbli, inklużivi u trasparenti, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza; u li jappoġġaw teħid ta' deċiżjonijiet parteċipatorju u aċċess pubbliku għall-informazzjoni fil-livelli kollha. Ser jippromwovi s-sehem tan-nisa u ż-żgħażagħ fi proċessi politiċi fil-livell lokali, nazzjonali u dak kontinentali. Ser ikun fih impenn għall-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-media bħala pilastri tad-demokrazija.

Il-Ftehim ser jinkludi wkoll impenn biex jiġi ffaċilitat, ippreservat u mwessa' spazju favorevoli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), filwaqt li jingħaraf ir-rwol tagħhom bħala promoturi tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja soċjali, difensuri tad-detenturi tad-drittijiet u tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-rwol tagħhom ta' sorveljanza, biex b'hekk isaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fuq il-livell domestiku.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal ġustizzja effettiva u indipendenti, inkluż l-ugwaljanza quddiem il-liġi, id-dritt għal proċess ġust u l-aċċess għal assistenza legali għal kulħadd.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet biex jiġu appoġġati leġislazzjoni u inizjattivi li jindirizzaw il-forom kollha ta' korruzzjoni, biex tiġi introdotta aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont fil-finanzjament pubbliku u fl-għoti ta' servizzi pubbliċi, biex jittejjeb il-ġbir tad-dħul, biex jiġu indirizzati l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-flussi finanzjarji illeċiti u biex jintlaħqu l-istandards tal-governanza fiskali globali. B'rabta ma' dan, ser tingħata attenzjoni partikolari għall-użu xieraq ta' assistenza finanzjarja esterna.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni biex il-Partijiet jikkooperaw fl-iżvilupp ta' sistema ta' statistika affidabbli u effiċjenti sabiex tiġi pprovduta l-istatistika meħtieġa biex jiġi appoġġat u ssorveljat il-proċess ta' riformi u jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli.

Titolu IV Żvilupp uman u dinjità

Il-Ftehim ser itenni l-impenn tal-Partijiet li jaħdmu flimkien għall-iżvilupp sostenibbli u biex jinqered il-faqar fil-forom kollha tiegħu, li jindirizzaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-koeżjoni soċjali, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażagħ, in-nisa u l-bniet, u l-aktar nies vulnerabbli u żvantaġġati, sabiex jiġi żgurat li l-bnedmin kollha jilħqu l-potenzjal tagħhom b'dinjità u f'ambjent b'saħħtu, u li ħadd ma jibqa' lura. Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom li jħarsu u jippromwovu d-drittijiet indaqs tan-nisa u tal-bniet, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika, soċjali u politika tagħhom.

Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jintensifikaw l-isforzi biex iħaffu l-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli marbutin mal-iżvilupp tal-bniedem u soċjali, f'konformità mal-prinċipji li ħadd ma' jibqa' lura, u li għandhom jintlaħqu l-persuni l-aktar żvantaġġati l-ewwel. Ser tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi milquta minn konflitti u fraġli, iżda wkoll filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ta' pajjiż b'introjtu medju.

Il-Partijiet, filwaqt li jagħrfu li t-tkabbir demografiku u t-tibdil demografiku jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kisbiet fl-iżvilupp u l-progress ekonomiku, ser jintrabtu li jaħdmu flimkien għal approċċ integrat li jnaqqas kemm jista' jkun l-isfidi marbutin maż-żieda fil-popolazzjoni u jimmassimizza l-benefiċċji ta' dividendi demografiċi.

Il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u ser timpenja ruħha għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sessualità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. Il-Ftehim ser jenfasizza ulterjorment il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

Aċċess ekwu għas-servizzi soċjali

Il-Ftehim ser jippromwovi aċċess inklużiv u ekwu għal edukazzjoni ta' kwalità fil-livelli kollha, inkluż it-taħriġ tekniku u vokazzjonali u t-tagħlim tal-adulti, kif ukoll għat-teknoloġija u s-servizzi diġitali, sabiex jiġi żgurat li kulħadd jikseb l-għarfien u l-ħiliet li jeħtieġ biex igawdi l-ħajja fid-dinjità u jikkontribwixxi għall-benesseri tal-komunità tiegħu.

Il-Ftehim ser jippermetti approċċ fejn is-saħħa titqies fit-tfassil tal-politiki kollha, li jindirizza l-inugwaljanzi u x-xkiel fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-kura tas-saħħa u jintroduċi kopertura tas-saħħa universali fil-pajjiżi kollha, filwaqt li jinbnew sistemi tas-saħħa b'saħħithom u effiċjenti, u ssir kooperazzjoni fuq suġġetti ta' interess komuni, speċjalment fuq il-prevenzjoni u l-indirizzar ta' mard li jittieħed u li ma jitteħidx.

Il-Ftehim ser irawwem aċċess universali għal ilma sikur għax-xorb, sanitazzjoni u iġjene għal kulħadd, inkluż permezz ta' sistemi sostenibbli u integrati ta' ġestjoni tal-ilma, aċċess adegwat u ekwu għas-sanitazzjoni u l-iġjene, servizzi ta' enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderni, kif ukoll aċċess għal djar adegwati, sikuri u affordabbli.

Protezzjoni soċjali

Il-Ftehim ser jagħraf li l-politiki u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jaqdu rwol trasformattiv fis-soċjetà billi jrawmu l-ekwità, jippromwovu l-inklużjoni soċjali u jixprunaw tkabbir ekonomiku inklużiv, ekwu u sostenibbli.

Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jintrabtu li progressivament jibnu sistemi ta' protezzjoni soċjali universali bi sjieda nazzjonali, li jinkludu assistenza soċjali, assigurazzjoni soċjali, u interventi fis-suq tax-xogħol diretti biex jinkisbu impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, b'konċentrazzjoni fuq in-nisa u ż-żgħażagħ, u li jadottaw limiti minimi ta' protezzjoni soċjali, biex jiġi żgurat li l-frott tat-tkabbir jinqasam b'mod mifrux u ekwu u li l-faqar jinqered sal-2030. Il-Partijiet ser japplikaw ukoll strateġiji għall-qerda tat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol sfurzat skont l-obbligi tal-ILO.

Il-Partijiet ser jippromwovu d-drittijiet ta' persuni b'diżabilitajiet u jieħdu miżuri aktar b'saħħithom biex jiżguraw l-inklużjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà u s-sehem indaqs tagħhom fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti biex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw b'mod sħiħ il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD).

Ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Ftehim ser itenni li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, il-bniet u s-subien hija kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli, u b'hekk ikollu effett ta' tkattir biex il-faqar jinqered, biex jintlaħaq tkabbir sostenibbli tal-popolazzjoni, tiżdied il-prosperità u jiġi żblukkat l-iżvilupp ta' soċjetajiet demokratiċi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali u s-sostenibbiltà.

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza sesswali u abbażi ta' sess, biex jintemmu ż-żwieġ tat-tfal, bikri u dak sfurzat, u biex jiġu pprevenuti l-mutilazzjoni u l-qtugħ ġenitali femminili.

Il-Partijiet ser jiżguraw li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha bħala kontribut ewlieni lejn il-kisba b'suċċess tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Aċċess għal ikel suffiċjenti, affordabbli, sikur u nutrittiv

Il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-ġlieda kontra l-ġuħ u jagħraf li n-nutrizzjoni nieqsa u l-malnutrizzjoni huma ostakli kbar għall-iżvilupp. Il-Partijiet ser jaħdmu biex jiżguraw aċċess għal kulħadd għal ikel affordabbli, suffiċjenti, sikur u nutrittiv. Il-Ftehim ser isaħħaħ l-isforzi koordinati, aċċellerati u transsettorjali biex jintemm il-ġuħ, iżid il-kapaċità għall-produzzjoni tal-ikel lokali u reġjonali diversifikata, jiżgura s-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u jsaħħaħ ir-reżiljenza ta' dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed iħabbtu wiċċhom ma' kriżijiet imtawla jew rikorrenti.

Reżiljenza

Il-Ftehim ser ikun fih dispożizzjonijiet biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u tal-istat, b'mod partikolari ta' popolazzjonijiet vulnerabbli, meta jħabbtu wiċċhom ma' sfidi ambjentali u marbutin mat-tibdil fil-klima, skossi ekonomiċi, diżastri naturali u dawk ikkaġunati mill-bniedem, konflitti u theddid globali għas-saħħa, inkluż ir-reżistenza antimikrobika. Il-Partijiet ser jintegraw b'mod sistematiku l-valutazzjoni tar-riskju u r-reżiljenza fl-azzjoni tagħhom li tiżgura li l-individwi, il-komunitajiet, l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi jkunu jistgħu jitħejjew aħjar għal, jifilħu aktar, jadattaw, u jirkupraw malajr mill-istress u mix-xokkijiet mingħajr ma jiġu kompromessi l-prospetti tal-iżvilupp fit-tul.

Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet biex jiżdiedu l-isforzi fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp sostenibbli inkluż permezz ta' sħubijiet f'oqsma li huma setturi kruċjali għall-iżvilupp tal-bniedem u fejn il-finanzjament pubbliku huwa meħtieġ b'mod kritiku. Il-Partijiet ser jaqblu li japprofondixxu l-kollaborazzjoni bejn ir-riċerkaturi u l-innovaturi bejn ir-reġjuni, billi jibnu fuq mekkaniżmi eżistenti.

Kooperazzjoni kulturali

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet li jrawmu d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u dak interkulturali, u li jippromwovu kooperazzjoni kulturali li tirrispetta kif xieraq id-diversità tagħhom filwaqt li tagħraf il-valuri universali, bil-għan li jissaħħu l-fehim reċiproku bejn nieshom u l-għarfien tal-kulturi rispettivi tagħhom, kif ukoll li tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni vjolenti. Il-Ftehim ser jagħraf li setturi kulturali u kreattivi dinamiċi, inkluż il-wirt kulturali, f'pajjiżi sħab, jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar, peress li huma katalisti importanti għat-tkabbir, l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp lokali. Il-Ftehim ser jirrikonoxxi wkoll li approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni kulturali jista' jippermetti li sfidi bħar-radikalizzazzjoni u l-ksenofobija jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti. Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet biex jissaħħu l-isforzi għall-protezzjoni u l-ħarsien tal-wirt kulturali tanġibbli u dak intanġibbli.

Titolu III Żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli

Il-Ftehim ser jiddikjara li t-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli li jibbenefika lil kulħadd huwa kruċjali għat-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Ser jagħraf ukoll li impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd huma essenzjali għall-qerda tal-faqar u l-prosperità. Ser jiddikjara wkoll li l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ huma kruċjali biex ikun possibbli t-tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Il-Ftehim ser jiddikjara wkoll li l-Partijiet ser jaħdmu flimkien biex joħolqu l-kondizzjonijiet xierqa għal żieda fl-investiment, id-diversifikazzjoni ekonomika, l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, kummerċ imsaħħaħ u l-iżvilupp tas-settur privat fis-setturi kollha. Il-promozzjoni tal-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat għandha tkun fil-qalba tas-sħubija.

Djalogu ekonomiku

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet dwar id-djalogu ekonomiku, partikolarment sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' riforma ekonomika billi jittejjeb il-fehim tal-elementi fundamentali tal-ekonomiji rispettivi tal-Partijiet, fejn ikun meħtieġ. Il-Partijiet ser jaqblu li jagħmlu skambju ta' informazzjoni u fehmiet dwar il-politika makroekonomika u r-riformi strutturali. Jistgħu jwettqu wkoll analiżi konġunta ta' kwistjonijiet ekonomiċi ta' interess reċiproku, fosthom pereżempju oqfsa ta' politika fiskali u monetarja u l-istrumenti għall-implimentazzjoni tagħhom.

Il-Ftehim ser jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi sodi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, kompatibbli mal-prinċipji fundamentali ta' effikaċja, trasparenza u akkontabilità.

Investiment u żvilupp tas-settur privat

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li objettiv kruċjali tas-Sħubija huwa li jiżdiedu b'mod sostanzjali l-opportunitajiet għaċ-ċittadini u għan-negozji tal-UE u tal-AKP, b'mod li jinħoloq tkabbir inklużiv, b'impjiegi deċenti għal kulħadd.

Il-Partijiet ser jikkooperaw sabiex joħolqu ambjent ekonomiku favorevoli li jżid b'mod sinifikanti l-livell tal-flussi ta' investiment sostenibbli u responsabbli għall-vantaġġ reċiproku tagħhom. Filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi tal-UE u l-Istati Membri tagħha, il-Partijiet ser irawmu l-iżvilupp ta' ambjent attraenti u stabbli għall-investiment, billi jappoġġaw regoli trasparenti u miftuħin għall-investituri u oqfsa regolatorji għaqlin, kif ukoll jesploraw mekkaniżmi biex jiffaċilitaw flussi reċiproċi ta' investiment pubbliku u privat, speċjalment permezz ta' garanziji għall-investiment privat, il-promozzjoni ta' investimenti tad-dijaspora u l-finanzjament u t-titjib tal-klima tan-negozju, it-trasferiment tal-kapital u t-teknoloġiji, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' investiment.

Il-Partijiet ser jappoġġaw ir-rwol ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSME - Micro-, Small- and Medium-sized Enterprises) u start-ups, bħala faċilitaturi kruċjali ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u l-innovazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli. Għal dan il-għan, ser jikkooperaw sabiex l-MSMEs u l-istart-ups kemm mill-UE kif ukoll f'pajjiżi sħab ikunu jistgħu jintegraw b'mod effettiv f'katini sostenibbli tal-provvista u tal-valur b'kondizzjonijiet ġusti.

Il-Partijiet ser jagħrfu wkoll li infrastruttura adegwata - inkluż it-trasport, l-enerġija, l-ilma, u l-konnettività diġitali - kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, huma fatturi abilitanti ewlenin u ingranaġġ għal tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Il-Partijiet ser iżidu wkoll il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali, u jorbtuha b'mod aktar effettiv mal-opportunitajiet u l-ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol.

Il-Partijiet ser isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni biex jiżdiedu l-inklużjoni finanzjarja u l-aċċess għal finanzi responsabbli, bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' servizzi finanzjarji u strumenti u mekkaniżmi finanzjarji innovattivi, inkluż self, ekwità, kreditu u assigurazzjoni, b'mod partikolari billi jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' swieq kapitali, kif ukoll sistemi u strumenti finanzjarji sikuri, sorveljati sew u miftuħin.

Il-Partijiet ser jippromwovu t-transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari, inkluż billi jappoġġaw approċċi sostenibbli ta' konsum u produzzjoni u ġestjoni tal-iskart u sustanzi kimiċi tajba għall-ambjent, kif ukoll jippromwovu t-tneħħija gradwali ta' sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent u l-ekonomija.

Il-Partijiet ser jirriaffermaw l-impenn tagħhom għad-djalogu soċjali. Il-Partijiet ser jirriaffermaw li l-attivitajiet tas-settur privat u tal-investiment iridu jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, u l-istandards fundamentali tax-xogħol u dawk ambjentali. Ser itennu l-prinċipju ta' libertà ta' assoċjazzjoni u l-impenn tagħhom biex jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv l-istandards tax-xogħol u l-istandards soċjali li huma rikonoxxuti internazzjonalment, kif maqbula fl-ILO u f'kuntesti rilevanti oħra. Ser jimpenjaw rwieħhom ukoll għall-ħolqien ta' aktar xogħol u xogħol deċenti li jikkontribwixxi għall-inklużjoni ekonomika u soċjali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, iż-żgħażagħ, u l-ifqar persuni u dawk l-aktar vulnerabbli.

Il-Partijiet ser jiżguraw li jitħarsu u jkomplu jiġu osservati l-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju, ir-responsabbiltà fiskali u ambjentali, it-trasparenza u l-irfigħ tar-responsabbiltà, f'konformità ma' linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment tul il-katina tal-valur.

Kooperazzjoni kummerċjali

Il-Partijiet ser jirrikonoxxu l-importanza tal-kummerċ u l-investiment għar-relazzjonijiet ġenerali bejn l-AKP u l-UE, kif ukoll għall-iżvilupp tal-ekonomiji AKP. Huma ser jaqblu li jrawmu l-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet, li ser isaħħaħ l-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija reġjonali u dinjija.

Il-Partijiet ser iġeddu l-impenn tagħhom li jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u li jippromwovu l-objettivi tad-WTO.

Il-Ftehim ser ikollu l-għan li jiffaċilita l-kummerċ u l-investiment reġjonali. F'dan ir-rigward, il-Partijiet ser jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jitgawdew il-benefiċċji tal-qafas stabbli u prevedibbli mogħti mill-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) – fosthom il-possibbiltà li jitwessgħu u jiġu approfonditi l-ftehimiet fejn xieraq, f'konformità mal-klawżoli rendezvous u bil-qbil tal-Partijiet rispettivi, u minn reġimi kummerċjali preferenzjali oħra.

Il-Partijiet ser itennu li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, kif ukoll il-governanza tajba, huma l-elementi essenzjali u fundamentali tal-FSE kollha konklużi jew li ser jiġu konklużi.

Il-Partijiet ser jaqblu li jippromwovu l-involviment tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat, b'mod partikolari l-MSMEs, fi djalogi dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-FSE.

Il-Partijiet ser jaqblu li jimpenjaw ruħhom fi djalogu fil-livelli xierqa u meta jkun meħtieġ, kif ukoll li jikkooperaw f'fora internazzjonali dwar kwistjonijiet kummerċjali.

Il-Partijiet ser itennu l-impenn tagħhom li jintegraw l-iżvilupp sostenibbli, inkluż id-dimensjonijiet soċjali u ambjentali, fir-relazzjonijiet kummerċjali reċiproċi kollha, li jippromwovu kummerċ ġust u etiku, u li jsaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogi mal-atturi rilevanti kollha f'dawn l-oqsma.

Il-Partijiet ser itennu l-impenji rispettivi tagħhom taħt strumenti internazzjonali fil-qasam tal-kummerċ f'servizzi u jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni f'livelli xierqa f'dan il-qasam. Fejn xieraq, huma ser jkomplu jappoġġaw impriżi f'oqsma speċifiċi, bħat-trasport marittimu u dak tal-avjazzjoni, u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Bl-istess mod, il-Partijiet ser itennu l-impenji rispettivi tagħhom taħt ftehimiet internazzjonali u strumenti oħra f'oqsma relatati mal-kummerċ, bħad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, it-tneħħija ta' ostakli mhux tariffarji, l-akkwist pubbliku, il-politiki ta' kompetizzjoni effettivi u sodi inkluż it-trasparenza fir-rigward ta' sussidji pubbliċi, il-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali, l-armonizzazzjoni regolatorja, l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll miżuri sanitarji u fitosanitarji, u jsaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-livelli xierqa f'dawn l-oqsma.

Titolu IV Sostenibbiltà ambjentali, tibdil fil-klima u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li d-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima jirrappreżentaw theddida serja għall-kisba tal-iżvilupp sostenibbli, u dan iqiegħed f'riskju għoli l-ħajja u l-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri. B'rabta ma' dan, il-Partijiet ser ifakkru li l-ħarsien tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huma marbutin mill-qrib mal-prijoritajiet strateġiċi l-oħrajn tal-Ftehim, partikolarment, il-paċi u s-sigurtà, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv.

Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jitħaffef il-progress lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli li huma marbutin mal-ambjent u t-tibdil fil-klima, u lejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima.

Il-Partijiet ser jintrabtu li jsaħħu l-kooperazzjoni u li jibnu alleanzi effettivi f'kuntesti internazzjonali dwar kwistjonijiet rilevanti, b'mod partikolari t-tibdil fil-klima, sforzi għall-enerġija sostenibbli u rinnovabbli u għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-governanza tal-oċeani u l-ġestjoni tal-ilma, il-bijodiversità u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet b'bażi naturali. Ser jaqblu wkoll li jintegraw is-sostenibbiltà ambjentali, l-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima u l-ħidma għal tkabbir ekoloġiku fil-politiki, il-pjanijiet u l-investimenti kollha, kif ukoll li jsaħħu l-involviment mal-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, u li jindirizzaw kull tip ta' dgħufija, filwaqt li ħadd ma jibqa' lura.

Il-Partijiet ser jirrikonoxxu li azzjoni ambizzjuża dwar kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament, inkluż it-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri, hija essenzjali biex jiġu ġestiti u jitnaqqsu l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Għal dan il-għan, huma ser jaqblu li jwaqqfu impenji ta' mitigazzjoni ambizzjużi, kwantifikabbli u ġusti, waqt li jikkunsidraw ċirkostanzi nazzjonali differenti u realtajiet u kapaċitajiet ekonomiċi li qed jevolvu. Huma ser jiftiehmu li jintegraw pjanijiet ta' adattament fil-proċessi nazzjonali u li jaqsmu l-esperjenzi sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Ser jimpenjaw ruħhom ukoll li jippromwovu l-investiment u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti f'ekonomija ekoloġika effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Il-Partijiet ser jappoġġaw u jippromwovu inizjattivi biex tiżdied b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS) li jiġġeneraw informazzjoni ta' twissija bikrija u dwar ir-riskji.

Il-Partijiet ser jappoġġaw, u jintegraw fil-politiki kollha, il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli u l-użu ta' riżorsi naturali, inkluż l-art u l-ilma, il-promozzjoni ta' approċċi tal-ekonomija ċirkolari u prattiki ta' konsum u ta' produzzjoni sostenibbli, u l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, inkluż il-forestrija u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' organiżmi selvaġġi u fl-injam. Għall-kisba ta' oċeani b'saħħithom u produttivi, huma ser jippromwovu l-ħarsien u r-restawr ta' ekosistemi marini u l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-oċeani u s-sajd sostenibbli, u ser jindirizzaw il-kwistjoni tal-aċidifikazzjoni tal-oċeani. Il-Ftehim ser jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jiżguraw il-governanza responsabbli tad-dominju tal-art, tas-sajd u tal-foresti.

Il-Partijiet, fl-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni, ser jikkunsidraw:

- - il-vulnerabilità ta' stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u popolazzjonijiet kostali, speċjalment it-theddida li jġib miegħu t-tibdil fil-klima;
- - l-iskopertura ta' pajjiżi għal nixfa, għargħar, skarsezza tal-ilma, degradazzjoni tal-art u tal-foresti u għal problemi ta' deforestazzjoni u deżertifikazzjoni li qed jiggravaw;
- - ir-rabtiet bejn it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-adattament għal strateġiji u attivitajiet għat-tibdil fil-klima, kif ukoll ir-relazzjoni mill-qrib tagħhom mar-reżiljenza, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, is-servizzi tal-ekosistemi u s-sigurtà tal-ikel, u r-rabta mal-ispostament, il-migrazzjoni u s-sigurtà.

Il-Partijiet ser jikkooperaw fil-finanzjament u t-trasferiment ta' riskju inkluż baġits ta' kontinġenza, krediti u soluzzjonijiet ta' trasferiment ta' riskju, bħal soluzzjonijiet ta' assigurazzjoni.

Titolu V Paċi, sigurtà u ġustizzja

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li l-promozzjoni tal-paċi, tal-istabbiltà u tas-sigurtà, inkluż is-sigurtà tal-bniedem u r-reżiljenza, bħala kondizzjonijiet abilitanti kritiċi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-prosperità. Huwa ser itenni li ma jistax ikun hemm żvilupp sostenibbli mingħajr il-paċi u s-sigurtà, u li mingħajr l-iżvilupp inklużiv ma jistax ikun hemm paċi u sigurtà sostenibbli.

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi wkoll li t-tibdil fil-klima, u l-pressjonijiet u d-degradazzjoni ambjentali għandhom implikazzjonijiet diretti u indiretti għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, billi prinċipalment jolqtu dawk fl-aktar sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, jikkontribwixxu għat-telf tal-għajxien, iżidu r-riskju tad-diżastri, jisfurzaw iċ-ċaqliq tan-nies u jiggravaw it-theddida ta' inkwiet soċjali u politiku, kif ukoll tensjonijiet qawwijin ta' sigurtà.

Il-Partijiet ser japplikaw approċċ integrat għall-konflitt u l-kriżijiet, li jinkludi sforzi ta' prevenzjoni, medjazzjoni, riżoluzzjoni u rikonċiljazzjoni, waqt li jindirizza kemm il-kapaċitajiet ċivili kif ukoll dawk militari, inkluż permezz tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil sitwazzjonijiet ta' fraġilità. Ser jaġixxu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet kontinentali u reġjonali, kif ukoll man-NU, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u pajjiżi terzi. Il-Partijiet ser jippromwovu mekkaniżmi u strutturi inklużivi u ta' parteċipazzjoni għad-djalogu u l-bini ta' kunsens, li jappoġġaw is-sehem attiv taż-żgħażagħ u n-nisa, u li jinvolvu l-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Partijiet ser jagħrfu li n-nisa u l-bniet huma aġenti ewlenin tal-iżvilupp u l-bidla. Il-Ftehim ser jagħraf ir-rwol sinifikanti u s-sehem effettiv tan-nisa fil-bini tal-paċi, fil-prevenzjoni, il-medjazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti u fir-rispons umanitarju, filwaqt li jqis li n-nisa u l-bniet huma vittmi ta' vjolenza abbażi ta' sess fil-konflitti.

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex itejbu l-governanza tar-riżorsi naturali, inkluż l-industriji estrattivi, sabiex din tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi u biex jiġi evitat li l-isfruttament u l-kummerċ illegali tagħhom jikkontribwixxu sabiex jikkawżaw konflitti.

Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom għat-tisħiħ tal-azzjoni konġunta fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li jiġu indirizzati l-għeruq tar-radikalizzazzjoni, u jiġi appoġġat l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt, id-dritt internazzjonali, il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali.

Il-Partijiet ser isaħħu d-determinazzjoni tagħhom biex jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza kontra ċ-ċittadini u l-kriminalità organizzata u t-traffikar illeċitu, inkluż tal-bnedmin, tal-armi, tal-organiżmi selvaġġi, tal-beni kulturali, tad-drogi u ta' materjali perikolużi.

Il-Partijiet ser jikkooperaw sabiex jiġi evitat l-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom biex isir il-ħasil tar-rikavat minn attivitajiet kriminali (inkluż it-traffikar tad-drogi u l-korruzzjoni) u għall-finanzjament tat-terroriżmu.

Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom biex tiġi indirizzata l-impunità fil-livelli kollha u b'mod partikolari għar-reati kriminali l-aktar serji ta' tħassib internazzjonali. Għal dan il-għan, ser itennu d-determinazzjoni tagħhom li jirratifikaw u jimplimentaw l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u, kif xieraq, l-istrumenti marbutin miegħu. Il-Partijiet ser jirrikonoxxu li hi essenzjali kooperazzjoni sħiħa mal-QKI, filwaqt li jagħrfu l-komplementarjetà tar-rwoli bejn il-ġurisdizzjonijiet kriminali nazzjonali u l-QKI fil-kisba tal-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni.

Il-Partijiet ser jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom sabiex jikkumbattu l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom b'konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti taħt trattati u ftehimiet ta' diżarm u ta' nonproliferazzjoni, u obbligi internazzjonali rilevanti oħra. Il-Partijiet ser jikkonfermaw li dan jikkostitwixxi element essenzjali tal-Ftehim.

Il-Partijiet ser isaħħu l-ġlieda kontra l-manifattura illeċita, it-trasferiment, iċ-ċirkolazzjoni, l-akkumulazzjoni eċċessiva u t-tixrid mhux ikkontrollat ta' mini antipersuna (APL) u l-fdalijiet esplożivi tal-gwerra (ERW) kif ukoll armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW). Il-Partijiet ser jirrikonoxxu wkoll l-importanza ta' sistemi nazzjonali ta' kontroll għat-trasferiment tal-armi f'konformità ma' ftehim internazzjonali.

Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom favur il-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, il-mitigazzjoni tar-riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) ta' oriġini naturali, aċċidentali u kriminali, kif ukoll biex tissaħħaħ l-avjazzjoni ċivili u s-sigurtà marittima, inkluż permezz tal-ġlieda kontra l-piraterija u s-serqa bl-użu ta' armi fuq il-baħar.

Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom biex isaħħu l-kooperazzjoni biex jippromwovu ċ-ċibersigurtà, biex jimpedixxu u jiġġieldu kontra r-reati ta' teknoloġija għolja, ċibernetiċi u elettroniċi u biex itejbu s-sigurtà tan-netwerks permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi prattiċi f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni u l-obbligi internazzjonali tagħhom rigward id-drittijiet tal-bniedem.

Il-Partijiet ser jaqblu li jikkooperaw sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' data personali skont l-istrumenti u l-istandards internazzjonali rilevanti, inkluż permezz ta' skambju ta' informazzjoni u għarfien espert.

Titolu VI Migrazzjoni u mobbiltà

Il-Ftehim ser isaħħaħ l-impenn tal-Partijiet biex jintensifika l-kooperazzjoni fi spirtu ta' sħubija ġenwina u responsabbiltà kondiviża u b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE.

Il-Ftehim ser jagħraf li l-migrazzjoni regolari u l-mobbiltà jista' jkollhom impatti pożittivi fuq l-iżvilupp sostenibbli, meta jkunu ġestiti b'mod xieraq. Il-Ftehim ser jikkonferma l-impenn politiku komuni li jiġu indirizzati l-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat. Huwa ser jirrikonoxxi wkoll ir-rilevanza ta' migrazzjoni min-Nofsinhar għan-Nofsinhar u ta' migrazzjoni u mobbiltà għal raġunijiet ambjentali u ta' tibdil fil-klima, kif ukoll iċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni.

Il-Ftehim ser jagħraf l-importanza li jiġi adottat approċċ komprensiv, koerenti, pragmatiku u bilanċjat f'dawn l-oqsma prijoritarji multipli u interkonnessi, b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali u għal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u, fejn applikabbli, il-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali.

Il-Ftehim ser jipprova, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u tal-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE, jaħsad id-dividendi ta' migrazzjoni u mobbiltà sikuri, ordnati u regolari, u joħloq u japplika l-ingranaġġ meħtieġ, bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha, fosthom l-iżvilupp, il-kummerċ u l-viżi, biex jinkisbu riżultati li jistgħu jitkejlu f'termini ta' twaqqif tal-migrazzjoni illegali u r-ritorn ta' migranti irregolari. Għal dan il-għan, l-elementi kollha tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni ser jiġu indirizzati fid-djalogu politiku regolari.

Il-Partijiet ser jagħrfu l-għamliet differenti ta' kontribut li membri tad-dijaspora jistgħu joffru għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, fosthom kontribuzzjonijiet ekonomiċi, it-trasferiment ta' għarfien, esperjenza u teknoloġija, kif ukoll fil-qafas ta' proċessi ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali.

Il-Ftehim ser isaħħaħ l-impenn tal-Partijiet biex jikkooperaw fit-twaqqif tal-flussi tal-migrazzjoni irregolari, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali dwar l-asil, filwaqt li jirrikonoxxi l-impatti negattivi tal-migrazzjoni irregolari fuq pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, inkluż sfidi umanitarji u ta' sigurtà relatati, u r-riskju akbar għal migranti li jesperjenzaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li jsiru vittmi ta' traffikar u ta' abbużi.

Il-Ftehim ser jirrifletti l-impenji internazzjonali biex jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem tar-refuġjati u l-migranti kollha u biex jiġu żviluppati miżuri kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, razziżmu u ksenofobija, filwaqt li jitqies li d-drittijiet tal-bniedem huma universali u indiviżibbli. Il-Ftehim ser jirriafferma l-impenn tal-Partijiet għat-trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom li jadottaw politiki ta' integrazzjoni għal dawk li jgħixu legalment fit-territorji tagħhom.

Il-Ftehim ser itenni l-obbligu legali tal-Partijiet li jaċċettaw mill-ġdid iċ-ċittadini tagħhom li jkunu jinsabu irregolarment fit-territorju ta' Parti oħra mingħajr kondizzjonalità u biex jiġi żgurat it-twettiq bla xkiel u effettiv ta' dan l-impenn. Biex jagħmel dan, il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet konkreti dwar kif dawn l-obbligi jinbidlu fi prattika u kif jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jitħarsu.

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet li jiżguraw li d-drittijiet u d-dinjità tal-individwi jiġu rispettati b'mod sħiħ, inkluż f'kull proċedura mibdija biex jiġu rritornati l-migranti irregolari lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. Il-Partijiet ser jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni biex jiffaċilitaw ir-ritorni u r-risistemazzjoni kif ukoll biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni sostenibbli mill-ġdid tal-persuni li jirritornaw, f'konformità mal-prinċipji ta' sħubija u responsabbiltà komuni.

Il-Ftehim ser jinkludi d-determinazzjoni mill-Partijiet biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin tal-migranti, fil-promozzjoni u l-appoġġ tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri, inkluż il-kontroll tal-fruntieri, f'investigazzjonijiet finanzjarji konġunti, kif ukoll kooperazzjoni dwar il-prosekuzzjoni kriminali.

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet biex tissaħħaħ il-protezzjoni tar-refuġjati u persuni spostati oħra skont id-dritt internazzjonali u l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u, fejn applikabbli, l-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali, tiġi appoġġata l-integrazzjoni tagħhom fil-pajjiżi ospitanti kif xieraq u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi tal-ewwel asil, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni. Ser tingħata attenzjoni partikolari lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u lill-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, fosthom in-nisa, it-tfal u minorenni mhux akkumpanjati.

PARTI 3 KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Il-Ftehim ser jafferma li l-Partijiet huma impenjati għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha, u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha, bil-għan li jkun hemm l-ankrar tal-paċi u l-ġustizzja, il-prosperità, l-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni dejjiema għall-beni komuni globali.

Dan l-impenn ser jissarraf f'determinazzjoni biex ikunu rriformati u msaħħa l-istituzzjonijiet multilaterali biex tissaħħaħ l-effettività, ir-responsabbiltà u r-rappreżentattività tagħhom. Bl-istess mod, din ser isservi biex tippromwovi u tappoġġa d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ġustizzja fuq livell internazzjonali, u jiġi żgurat li l-Partijiet kollha jieħdu l-passi meħtieġa lejn ir-ratifika, l-implimentazzjoni u d-domestikazzjoni ta' konvenzjonijiet u trattati internazzjonali ewlenin.

Il-Ftehim ser isaħħaħ b'mod sinifikanti l-impenn tal-Partijiet biex jingħaqdu flimkien f'oqsma li fihom is-Sħubija tista' tipprovdi valur miżjud sostanzjali biex tmexxi 'l quddiem l-azzjoni globali. Il-Partijiet ser jaqblu li jidentifikaw fuq bażi regolari, kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak operazzjonali, bażi komuni dwar għadd ta' temi strateġiċi biex tiffaċilita l-azzjoni koordinata u f'waqtha, inkluż dwar il-votazzjoni, f'fora internazzjonali u inizjattivi rilevanti. B'mod speċifiku, dawn ser jiddependu fuq laqgħat ministerjali u ser jaqblu li jużaw jew li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni xierqa biex jikkooperaw bl-aħjar mod fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u kuntesti internazzjonali oħra.

Il-Ftehim ser jistabbilixxi li l-Partijiet jistgħu ifittxu b'mod attiv li jikkooperaw mill-qrib u jistabbilixxu alleanzi strateġiċi ma' pajjiżi terzi u / jew gruppi li jikkondividu l-valuri u l-interessi tagħhom, bil-ħsieb li tissaħħaħ l-influwenza diplomatika tagħhom f'kuntesti internazzjonali oħra.

3. SĦUBIJA UE-AFRIKA

Parti 1 BAŻI GĦALL-KOOPERAZZJONI

Il-Ftehim ser jiddikjara li s-Sħubija bejn l-UE u l-Afrika tikkonsisti mill-objettivi ġenerali, il-prinċipji u l-impenji stabbiliti fil-Parti Ġenerali ta' dan il-Ftehim, u mill-objettivi speċifiċi u l-impenji stabbiliti f'dan il-Protokoll. Il-Parti Ġenerali u l-Protokoll huma komplementari u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

Il-Ftehim ser japprofondixxi r-relazzjonijiet eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika u l-istabbiliment ta' sħubija politika u ta' benefiċċju reċiproku, li jippermetti biex titwettaq l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u dwar l-interessi ewlenin ta' kull waħda mill-Partijiet.

B'mod aktar speċifiku, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

- jibnu soċjetajiet reżiljenti u paċifiċi u jindirizzaw id-dinamika demografika biex jissodisfaw l-ambizzjonijiet leġittimi tal-ġenerazzjonijiet Ewropej u Afrikani attwali u tal-ġejjieni;
- isaħħu l-investiment pubbliku u dak privat, il-kummerċ u l-integrazzjoni ekonomika reġjonali u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti għal kulħadd;
- jippromwovu, jirrispettaw u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem; jipproteġu d-drittijiet ugwali tan-nisa u l-bniet u jippromwovu l-għoti tas-setgħa ekonomika, soċjali u politika tagħhom, jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiżguraw li perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha; jappoġġaw l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ u jiġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni u emarġinazzjoni li jistgħu jwasslu għal estremiżmu vjolenti;
- jindirizzaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-protezzjoni soċjali bil-għan li jinqered il-faqar, ħadd ma jibqa' lura u jiġu indirizzati l-effetti negattivi ta' kriżijiet umanitarji li jieħdu fit-tul; ibiddlu l-mobbiltà u l-migrazzjoni f'opportunitajiet u jaħsdu l-benefiċċji ta' migrazzjoni ġestita tajjeb, iwaqqfu l-migrazzjoni irregolari u jindirizzaw il-kawżi tagħha, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u tal-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE;

- jiġi mmobilizzat appoġġ biex il-pajjiżi jadattaw għall-impatti tat-tibdil fil-klima permezz ta' azzjoni koordinata għall-klima, u jinbnew ekonomiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq perijodu twil, kif ukoll jiġi żgurat aċċess ġust għar-riżorsi naturali u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom biex jinstabu opportunitajiet ekonomiċi li mhux qed jiġu sfruttati, tiġi ppreservata l-bijodiversità u jiġi evitat kwalunkwe użu illeċitu, inkluż biex jiġu sostnuti konflitti.

Il-Ftehim ser jibni fuq, isaħħaħ u jaġġorna l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE (JAES). Huwa ser jirreferi wkoll għal dokumenti ewlenin għaż-żewġ Partijiet, b'mod partikolari l-Aġenda 2063 tal-Afrika, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp.

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet biex tiġi implimentata s-Sħubija bejn l-UE u l-Afrika permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni suċċessivi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u kontinentali. Il-Ftehim ser jintroduċi sistema biex jiġi mmonitorjat il-progress, permezz tad-djalogu politiku fil-livelli kollha, permezz ta' approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, abbażi ta' indikaturi ċari u riżultati li jistgħu jitkejlu, sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni timxi kif previst.

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi r-rabtiet speċjali bejn ir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE (OR- Outermost Regions) u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCT - Overseas Countries and Territories) u ħafna pajjiżi Afrikani.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet għandhom jerġgħu jeżaminaw is-Sħubija bejn l-UE u l-Afrika fuq bażi regolari, bil-ħsieb li tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu.

Parti 2 PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI

Titolu I Paċi u sigurtà

Il-Ftehim ser itenni l-impenn tal-Partijiet li japprofondixxu s-sħubijiet għall-paċi u s-sigurtà fil-livelli nazzjonali, reġjonali u kontinentali, sabiex jittejbu l-istabbiltà u l-prosperità fiż-żewġ kontinenti.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

***dwar il-paċi u s-sigurtà*,**

- jissaħħu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u d-djalogu (inkluż man-NU u ma' pajjiżi terzi) dwar il-forom kollha ta' konflitt u vjolenza, mill-prevenzjoni u t-twissija bikrija sa bini ta' paċi dejjiema permezz tal-medjazzjoni, il-ġestjoni ta' kriżijiet, l-istabbilizzazzjoni, kif ukoll ir-riforma tas-settur tas-sigurtà;

- ikun appoġġat is-sehem tan-nisa fil-proċessi ta' paċi u sforzi ta' medjazzjoni, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni 1325 tan-NU;

- jiġu indirizzati l-muturi ewlenin tal-instabbiltà, fosthom l-esklużjoni politika, soċjali u ekonomika, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess għall-art u r-riżorsi naturali, tilwim dwar il-fruntieri, is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma, u ċ-ċaqliq sfurzat ta' persuni;

- jiġi żgurat li l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-ksur u l-abbużi tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, fosthom delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u l-ġenoċidju, kif ukoll ir-reklutaġġ ta' suldati tfal u vjolenza abbażi ta' sess jew tal-identità tal-ġeneru jiġu investigati u jitħarrku kif xieraq;

- tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-isforzi għall-paċi u s-sigurtà fuq il-kontinent, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE, l-UA, il-Komunitajiet Reġjonali Ekonomiċi (KRE) u organizzazzjonijiet subreġjonali rilevanti oħrajn, u tiġi appoġġata l-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA);

dwar it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata,

- jiġi pprevenut u miġġieled it-terroriżmu fl-għamliet kollha tiegħu, filwaqt li jiġu indirizzati dawk il-fatturi li jistgħu joħolqu ambjent li jwassal għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, fost l-oħrajn permezz tat-trawwim tat-tolleranza reliġjuża u d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet;

- tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata u l-forom kollha ta' traffikar illeċitu (eż. bnedmin, armi, drogi, materjal perikoluż, tal-organiżmi selvaġġi, beni kulturali);

- tissaħħaħ is-sigurtà marittima, inkluż billi jiġu indirizzati atti ta' piraterija u serq armat fil-baħar, bil-ħsieb li jinkisbu flussi kummerċjali sikuri, effettivi u ekonomiċi tal-baħar;

- tiġi vvalutata r-rabta bejn il-kriminalità organizzata serja u transnazzjonali u t-terroriżmu.

Titolu II Id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba

Il-Ftehim ser isaħħaħ id-determinazzjoni tal-Partijiet li jippromwovu, jipproteġu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li jippromwovu u jsaħħu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u li jiżguraw governanza responsabbli, trasparenti u inklużiva, b'biżżejjed spazju fejn l-individwi u s-soċjetà ċivili jleħħnu l-aspirazzjonijiet tagħhom għat-tiswir tal-politika, u filwaqt li jagħrfu li l-Istati għandhom id-dmirijiet u ċ-ċittadini, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, għandhom id-drittijiet. Id-drittijiet taż-żgħażagħ, tan-nisa u tal-bniet ser jingħataw attenzjoni u monitoraġġ speċifiċi.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-demokrazija,

- tingħata prijorità lir-ratifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza;

- jiġi applikat b'mod sħiħ il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-etniċità, is-sess, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, bil-prijoritizzazzjoni tal-isforzi għar-revoka ta' liġijiet diskriminatorji;

- jitrawmu djalogu u kooperazzjoni dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u jiġu miġġielda t-tortura u t-trattament ħażin f'kull forma tagħhom, fosthom abbużi mill-forzi ta' sigurtà;

- jiġu promossi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, u biex ikollhom l-għan li jtemmu l-vjolenza abbażi ta' sess u dik domestika, u l-isfruttament sesswali u tax-xogħol;

- jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal, ikollhom l-għan li jeqirdu t-tħaddim u l-abbuż tat-tfal, u tiġi implimentata l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet u l-Benesseri tat-Tfal;

- jiġu promossi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet u jittieħdu miżuri aktar b'saħħithom biex tiġi żgurata l-inklużjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà;

- jiġu żgurati elezzjonijiet inklużivi, trasparenti u kredibbli, li jirrispettaw ċikli elettorali f'waqthom u dispożizzjonijiet kostituzzjonali;

- jiġu appoġġati l-prerogattivi leġislattivi, baġitarji u ta' sorveljanza tal-Parlamenti nazzjonali eletti;

- jiġu promossi soċjetajiet pluralistiċi u jiġi appoġġat, ippreservat u mwessa' spazju li jiffaċilita l-ħidma ta' istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni u t-tfassil ta' politika, jiġi żgurat aċċess għall-informazzjoni, tiġi żgurata l-libertà tal-espressjoni, ta' għaqda u assoċjazzjoni, u media ħielsa u indipendenti biex il-gvernijiet iwieġbu għal għemilhom, sabiex tissaħħaħ relazzjoni kostruttiva bejn l-istat u ċ-ċittadini;

dwar l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, u l-governanza tajba,

- jinbnew istituzzjonijiet pubbliċi u mekkaniżmi ta' sorveljanza inklużivi u trasparenti, li jwieġbu għal għemilhom, u tiġi promossa ġestjoni għaqlija tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll l-użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' gvern elettroniku;

- jiġu żviluppati sistemi ta' identifikazzjoni sodi, siguri u inklużivi biex jiġi żgurat l-għoti ta' identità legali ta' kull ċittadin Afrikan;

- tiġi miġġielda l-korruzzjoni u titpoġġa fis-seħħ leġislazzjoni biex jitrażżnu l-flussi finanzjarji illeċiti, il-frodi u kull għamla ta' kriminalità organizzata;

- jikkooperaw sabiex jimpedixxu l-użu tas-sistemi finanzjarji, tal-istituzzjonijiet u tan-negozji u tal-professjonijiet mhux finanzjarji magħżula tal-ħasil tal-flus mir-rikavati minn attivitajiet kriminali (inkluż it-traffikar illeċitu u l-korruzzjoni) u għall-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mal-istandards internazzjonali;

- tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli, responsabbli u trasparenti ta' dħul minn riżorsi naturali u jiġu adottati riformi biex jiżguraw politiki fiskali ġusti, ekwi u sostenibbli;

- jiġi promoss l-istat tad-dritt fil-livelli kollha, jiġi żgurat aċċess effettiv u ekwu għall-ġustizzja u, b'mod partikolari, l-indipendenza tal-ġudikatura għal riżultati ġusti u f'waqthom;

- jiġu indirizzati l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, b'attenzjoni partikolari biex jiżdiedu t-trasparenza fiskali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa, f'konformità mal-istandards u l-oqfsa internazzjonali rilevanti.

Titolu III Żvilupp uman u dinjità

Il-Ftehim ser itenni d-determinazzjoni tal-Partijiet biex jeqirdu l-faqar fil-forom kollha tiegħu sal-2030, jindirizzaw l-inugwaljanza b'mod effettiv, jippromwovu l-koeżjoni soċjali, jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi, u joħolqu l-kundizzjonijiet għas-sehem effettiv tan-nies fil-ħajja demokratika u kontribuzzjoni attiva għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Ser jirrikonoxxi wkoll il-protezzjoni soċjali bħala investiment fundamentali għall-qerda tal-faqar u l-ġlieda kontra l-inugwaljanza, u bħala mezz importanti biex jinħoloq ċiklu ta' awto-tisħiħ lejn żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli, billi jippermetti li l-qligħ ekonomiku jerġa' jiġi investit b'mod aktar mifrux fis-soċjetà u fin-nies.

Il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u ser timpenja ruħha għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-ħarsien u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. Il-Ftehim ser jenfasizza ulterjorment il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-edukazzjoni,

- jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal żvilupp, kura u edukazzjoni qabel il-primarja ta' kwalità fil-bidu tat-tfulija u jintlaħaq l-objettiv ta' edukazzjoni primarja u sekondarja bla ħlas, ekwa u ta' kwalità, permezz ta' tisħiħ tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni fil-livelli kollha; inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kriżi;

- jirrinfurzaw ir-reġistrazzjonijiet u l-kwalità fl-edukazzjoni terzjarja, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali tal-edukazzjoni, u t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u t-tagħlim għall-adulti, biex jiżguraw il-kostituzzjoni ta' massa kritika ta' ħaddiema tas-sengħa ta' innovazzjoni u żgħażagħ b'edukazzjoni;

- jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji diġitali aċċessibbli u affordabbli għall-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-litteriżmu;

- itejbu l-opportunitajiet għal kooperazzjoni fir-riċerka kollaborattiva fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u r-riċerka u jippromwovu data miftuħa u l-innovazzjoni fl-insegwiment ta' eċċellenza xjentifika ta' benefiċċju reċiproku;

dwar is-saħħa,

- jiksbu kopertura universali tas-saħħa u aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa permezz tat-tisħiħ tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa fil-livelli kollha;

- jappoġġaw l-aċċess għal mediċini, vaċċini u d-dijanjostika, lejn il-ksib tal-mira ta' mediċini u vaċċini sikuri, affordabbli u essenzjali għal kulħadd;

- isaħħu l-kapaċità għal twissija bikrija, it-tnaqqis tar-riskju u l-ġestjoni ta' riskji tas-saħħa nazzjonali u globali, inkluż fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti;

- jippromwovu r-riċerka u l-iskambju tal-għarfien, l-esperjenzi u l-aħjar prattiki;

dwar il-ħarsien soċjali,

- jadottaw politiki ta' appoġġ biex jinkiseb u jinżamm tkabbir fid-dħul tal-40 % tal-popolazzjoni li jinsabu fl-aktar livell baxx f'rata ogħla mill-medja nazzjonali;

- jestendu l-kopertura tal-protezzjoni soċjali, bil-għan li tintlaħaq progressivament l-universalità, permezz ta' sigurtà għad-dħul bażiku u sistemi ta' protezzjoni soċjali li jkunu adegwati u kapaċi jirreaġixxu għax-xokkijiet;

- joħolqu swieq tax-xogħol aktar inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb u politiki dwar l-impjiegi diretti lejn xogħol diċenti għal kulħadd, inkluż l-iffaċilitar ta' transizzjoni aktar faċli mill-ekonomija informali għal dik formali kif ukoll l-evitar tas-segregazzjoni okkupazzjonali bejn is-sessi;

dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi,

- jiżguraw li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha;

- jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u jappellaw lil dawk li għadhom ma għamlux hekk biex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-protokoll fakultattiv tagħha dwar id-drittijiet tan-nisa;

- jiżguraw l-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u tan-nisa, billi jeliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza bbażata fuq is-sess u vjolenza sesswali, inkluż it-traffikar tal-bnedmin, il-mutilazzjoni u l-qtugħ ġenitali femminili u prattiki tradizzjonali ta' ħsara oħrajn, u t-tmiem taż-żwieġ tat-tfal, żwiġijiet prekoċi u furzati;

- jiżguraw li d-drittijiet soċjali tal-bniet u tan-nisa jiġu rispettati u promossi, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni u tas-saħħa, waqt li jirrikonoxxu r-rwol kritiku tan-nisa għar-realizzazzjoni ta' dividend demografiku;

- isaħħu l-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa fil-ħajja politika permezz ta' preżenza aħjar tan-nisa fil-proċessi elettorali, ta' politika, u ta' governanza, u kif ukoll fil-proċessi ta' paċi u fl-isforzi ta' medjazzjoni;

- jirrinfurzaw id-drittijiet ekonomiċi tan-nisa, billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal opportunitajiet ekonomiċi u pagi indaqs, servizzi finanzjarji u impjieg, il-kontroll u l-użu tal-art u assi produttivi oħra, u jappoġġaw lill-intraprendituri nisa;

dwar iż-żgħażagħ,

- iżidu l-assistenza liż-żgħażagħ biex jappoġġawhom fil-kisba ta' ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u tekniku, l-aċċess għat-teknoloġiji diġitali;

- jappoġġaw l-intraprenditorija taż-żgħażagħ u jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli b'kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti;

- jippromwovu t-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ u ċittadinanza responsabbli, billi jiftħu spazji għall-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-ħajja politika u fil-proċess ta' paċi u fl-isforzi ta' medjazzjoni, jappoġġaw inizjattivi ta' djalogu interkulturali fost l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u jrażżnu r-radikalizzazzjoni vjolenti;

dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni,

- jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal biżżejjed ikel affordabbli, sikur u sustanzjuż, bl-għan li jinqered il-ġuħ u tipi oħra ta' kriżijiet alimentari;

- isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-iżvilupp u l-azzjoni umanitarja biex ikunu antiċipati u prevenuti l-kriżijiet alimentari u jkunu preparati għalihom, jiżguraw azzjoni f'waqtha biex jagħmlu l-ikel disponibbli lokalment, u jindirizzaw il-kawżi primarji ta' volatilità eċċessiva tal-prezzijiet u l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni;

- itaffu l-esponiment tal-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli permezz ta' xbieki ta' sikurezza soċjali msaħħa;

- jiżguraw li l-impenji dwar il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' nuqqas ta' nutrizzjoni huma implimentati u li tingħata attenzjoni partikolari lill-popolazzjonijiet li jbatu minn nuqqas ta' nutrizzjoni fejn il-kapaċità istituzzjonali hija dgħajfa u diżastri jew konflitti frekwenti għandhom effett devastanti fuq l-aktar gruppi vulnerabbli bħalma huwa l-każ f'pajjiżi fraġli;

dwar il-ġestjoni u s-sigurtà tal-ilma,

- jiżguraw aċċess sikur u suffiċjenti għall-ilma tax-xorb sabiex jintlaħqu livelli ġestiti b'mod sikur, inkluż is-sanitazzjoni u l-iġjene, u jissalvagwardjaw is-saħħa u l-livelli ta' benesseri;

- jiżguraw ġestjoni sostenibbli tal-ilma u provvisti tal-ilma effiċjenti għall-iżvilupp u l-attivitajiet soċjoekonomiċi u jippreservaw u jipproteġu l-ekosistemi f'allokazzjoni tal-ilma u sistemi ta' ġestjoni;

- jippromwovu l-kooperazzjoni għal ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma transfruntiera bil-ħsieb li tinkiseb is-sostenibbiltà tal-ilma ħelu, tkun prevenuta d-degradazzjoni u d-deżertifikazzjoni tal-art, u li jkampaw mal-inċertezzi ta' perikli relatati mal-ilma (eż. għargħar, nixfiet u tniġġis), u jkunu prevenuti r-riskji ta' konflitti;

- jappoġġaw l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-qasam tal-ilma;

dwar il-kooperazzjoni kulturali,

- jappoġġaw il-kultura bħala vettura għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli;
- jippromwovu l-kultura u d-djalogu interkulturali u kreattiv;
- irawmu skambji kulturali u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi sferi kulturali;
- jippromwovu l-protezzjoni u t-tisħiħ tal-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli kif ukoll id-diversità tal-espressjonijiet kulturali.

Titolu IV Żvilupp ekonomiku sostenibbli inklużiv

Il-Ftehim ser isaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn il-Partijiet, itejjeb l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja, jinċentiva u jippromwovi l-investiment u l-opportunitajiet kummerċjali, jappoġġa d-diversifikazzjoni ekonomika, u t-transizzjoni lejn okkupazzjoni sħiħa u ta' kwalità, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ u n-nisa, ir-rispett u l-protezzjoni tal-istandards fundamentali tax-xogħol, inkluż id-djalogu soċjali. Dan ser isaħħaħ l-iżvilupp tas-settur privat fis-setturi kollha bil-għan li n-nies kollha jitħallew jibbenefikaw mill-globalizzazzjoni, l-integrazzjoni reġjonali u li t-tkabbir ekonomiku jmur id f'id mas-sostenibbiltà ambjentali u jappoġġa l-ekonomija ekoloġika.

Vetturi ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet li jindirizzaw ostakli kruċjali li jeħtieġu intervent pubbliku - minbarra l-investiment strutturali fl-infrastrutturi (pereżempju l-enerġija, it-trasport, il-konnettività diġitali) kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni - sabiex jinħoloq ambjent ta' negozju li jiffaċilita flussi akbar ta' investiment u żvilupp tas-settur privat inkluż bejn iż-żewġ kontinenti.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

- jikkonsolidaw l-istat tad-dritt, joħolqu ambjent regolatorju abilitanti u prevedibbli, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà u tal-art, il-politiki tal-kompetizzjoni tajba u trasparenza fir-rigward ta' sussidji pubbliċi, il-proprjetà intellettwali u l-investiment sostenibbli, it-tnaqqis tal-burokrazija permezz tat-tnaqqis tal-kostijiet għal ċertifikazzjonijiet, liċenzji u aċċess għal finanzjament, u kif ukoll għall-istabbiliment ta' sistemi ta' taxxa effettivi u trasparenti;

- jipprovdu lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs), b'informazzjoni faċilment aċċessibbli u adegwata, u proċeduri amministrattivi ffaċilitati, dwar kif jespandu n-negozju tagħhom fl-Afrika u fl-UE;

- jagħmlu l-infiq pubbliku aktar effettiv u jiżguraw użu aktar strateġiku ta' finanzi pubbliċi biex jattiraw investiment pubbliku u privat addizzjonali;

- iżidu l-aċċess domestiku għal finanzjament, speċjalment għal MSMEs, inkluż permezz ta' riformi tas-sistema finanzjarja biex jiżviluppaw sistemi ta' ħidma bankarja u mhux bankarja vijabbli, mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament, u mikrofinanzjament;

- irawmu l-kooperazzjoni u jiffaċilitaw azzjonijiet konġunti fil-livell internazzjonali, l-aktar dawk li jappoġġaw il-faċilitazzjoni tal-investiment; joħolqu mekkaniżmi li jippromwovu l-investiment privat;

- jiżviluppaw u jsaħħu s-servizzi finanzjarji diġitali, inkluż sistemi bankarji mobbli, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa dwar l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali u jiżguraw swieq miftuħa, il-protezzjoni tal-konsumatur u aktar aċċess għal servizzi mobbli;

- isaħħu aktar sistemi tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Tekniku u Vokazzjonali (TVET) xprunati mid-domanda, adattati għall-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tas-swieq tax-xogħol lokali u reġjonali.

Setturi ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat

Il-Ftehim ser jiddikjara li ser isir iffukar fuq is-setturi strateġiċi li ġejjin li huma mistennija li jkollhom effett multiplikatur għoli lejn żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli u l-ħolqien diċenti tal-impjiegi.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-agrikoltura,

- jagħtu spinta u jiddiversifikaw il-produzzjoni agrikola u alimentari, u jsaħħu b'mod partikolari l-prattiki ta' produzzjoni sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz ta' aċċess imtejjeb għall-finanzjament u għas-swieq u l-eliminazzjoni ta' inċentivi li joħolqu sistemi ta' produzzjoni mhux sostenibbli;

- isaħħu l-pożizzjoni tal-produtturi u l-esportaturi agrikoli, inkluż azjendi żgħar, f'katini ta' valur lokali, reġjonali u mondjali, inkluż permezz tat-tneħħija tal-ostakli tekniċi għall-kummerċ, il-bini ta' kapaċità fil-qasam ta' standards sanitarji u fitosanitarji, u l-promozzjoni ta' skemi għal kummerċ ġust u t-tisħiħ tal-agroindustrija;

- jiżguraw drittijiet ta' wirt u art għan-nisa, l-aċċess tagħhom għall-finanzi u s-swieq, kif ukoll għal servizzi u pariri agrikoli;

- jiżguraw ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ) għall-prodotti agrikoli u alimentari Afrikani u Ewropej u jwettqu azzjonijiet biex jappoġġaw lill-komunitajiet lokali biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-IĠ biex javvanzaw fil-ktajjen tal-valur reġjonali u mondjali;

dwar is-sajd u l-akkwakultura,

- jikkonkludu u/jew iġeddu ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPA), biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-ħut u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki fil-ġestjoni tas-sajd;

- jiġġieldu s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ġestjoni sostenibbli tas-sajd;

- jiżviluppaw akwakultura sostenibbli, permezz ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar, ġestjoni tat-territorju effettiva għal effiċjenza massima u s-sostenibbiltà, u kondizzjonijiet aktar ekwi għal investituri nazzjonali u barranin;

dwar l-enerġija sostenibbli,

- jikkontribwixxu għall-aċċess għall-enerġija sostenibbli, jiżguraw aċċess affordabbli u affidabbli u enerġija produttiva għal kulħadd, inkluż l-iżgurar ta' aċċess għal dawk l-aktar vulnerabbli, u jiżguraw aċċess għall-enerġija u l-użu produttiv tagħha għall-atturi ekonomiċi kollha, inkluż billi jsaħħu l-investimenti fil-ġenerazzjoni, it-trasmissjoni, id-distribuzzjoni u l-effiċjenza enerġetika u billi jiġu ffaċilitati swieq tal-enerġija miftuħa, trasparenti u li jiffunzjonaw li jixprunaw l-investimenti, it-trasferiment ta' teknoloġija ta' benefiċċju reċiproku, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

- joħolqu u jsaħħu interkonnessjonijiet tal-enerġija effettivi fi ħdan l-Afrika u bejn l-Ewropa u l-Afrika biex tiġi żgurata provvista affidabbli u affordabbli tal-enerġija, u jsegwu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea;

- joħolqu ambjent regolatorju li huwa aktar favorevoli għal investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, u jżidu l-finanzjament pubbliku u privat għall-isforzi tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' inizjattivi nazzjonali u reġjonali rilevanti, inkluż l-Inizjattiva Afrikana għall-Enerġija Rinnovvabbli (AREI);

dwar il-komoditajiet estrattivi,

- jiżguraw aċċess ġust, responsabbli u mingħajr distorsjoni għas-settur estrattiv, inkluż il-minjieri f'qiegħ il-baħar, għall-atturi ekonomiċi kollha, b'rispett sħiħ għas-sovranità ta' kull pajjiż fuq ir-riżorsi naturali tiegħu u d-drittijiet tal-komunitajiet lokali, u l-promozzjoni ta' ġestjoni sostenibbli;

- jiksbu aktar trasparenza u responsabbiltà fil-ġestjoni tal-industriji estrattivi, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-Inizjattiva għat-Trasparenza fl-Industriji Estrattivi u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi rilevanti oħra dwar il-provenjenza responsabbli tal-minerali li joriġinaw minn żoni affettwati minn konflitti;

- isaħħu r-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli tan-negozji tul il-katina tal-valur kollha, inkluż permezz tal-iżvilupp u/jew l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni rilevanti, filwaqt li jikkunsidraw l-istandards internazzjonali;

dwar it-trasport u l-interkonnettività,

- itejbu t-trasport fuq l-art u l-mobbilità urbana sabiex jiffaċilitaw il-moviment tal-oġġetti u n-nies, sabiex ikunu aktar reżiljenti u sostenibbli, filwaqt li jiggarantixxu aktar trasparenza u kompetizzjoni għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura;

- jiżguraw provvista kompetittiva ta' servizzi tat-trasport marittimu, inkluż aċċess bla restrizzjonijiet għall-portijiet;

- isaħħu r-relazzjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni bil-għan li jissaħħu l-opportunitajiet ta' investiment, u t-twessigħ u l-approfondiment tal-kooperazzjoni regolatorja, u t-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà;

- jiżguraw konnettività diġitali bi prezz raġonevoli, inklużiva u affidabbli, appoġġata minn ambjent regolatorju abilitanti u jippromwovu l-użu tas-sistema Ewropea ta' navigazzjoni globali bis-satellita (Galileo) u s-sistema ta' awmentazzjoni bis-satellita (EGNOS), b'attenzjoni fuq punti ta' interess reċiproku;

dwar teknoloġiji ġodda u innovazzjoni,

- jiżviluppaw u jsaħħu l-ekonomija diġitali, il-komunikazzjonijiet elettroniċi, is-servizzi fiduċjarji u l-protezzjoni ta' data personali, il-kummerċ elettroniku u l-gvern elettroniku, l-iżgurar tal-iżvilupp u l-użu ta' standards internazzjonali, data u swieq miftuħa u protezzjoni tal-konsumatur;

- jiżguraw l-aċċess għal teknoloġiji u servizzi diġitali għaċ-ċittadini u għall-atturi ekonomiċi kollha, inkluż il-ħolqien ta' politika vantaġġuża u qafas regolatorju li jippermetti l-intraprenditorija diġitali, l-investimenti transfruntiera u l-promozzjoni tal-ħiliet diġitali u l-litteriżmu;

- irawmu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jkollhom l-għan li jinkoraġġixxu l-progress xjentifiku u t-trasferiment ta' teknoloġija u kompetenza;

- jappoġġaw innovazzjoni addattata għall-bżonnijiet lokali, id-diversifikazzjoni ekonomika u t-transizzjoni lejn ekonomiji bbażati fuq l-għarfien;

dwar it-turiżmu,

- jagħtu spinta lill-investiment fis-settur tat-turiżmu, permezz ta' strateġiji aġevolati ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni, taħriġ professjonali u l-utilizzazzjoni ta' teknoloġiji diġitali;

- isaħħu r-rabtiet bejn is-settur tat-turiżmu u setturi ekonomiċi rilevanti oħrajn, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ambjentali u tal-fawna selvaġġa;

- jintegraw l-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa u l-bijodiversità fl-ippjanar u l-iżvilupp tal-politika dwar it-turiżmu;

- jippromwovu turiżmu sostenibbli, responsabbli u ta' kwalità għolja, li jirrispetta l-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali.

Kooperazzjoni kummerċjali

Il-Ftehim ser jimmira li jrawwem opportunitajiet ta' kummerċ u investiment bejn il-Partijiet għall-benefiċċju ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

- jiżguraw li l-kondizzjonijiet qafas u l-politiki domestiċi tajbin huma fis-seħħ biex jiġu ffaċilitati aktar flussi tal-kummerċ (inkluż il-Kummerċ elettroniku u n-Negozju elettroniku) li jwasslu għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli, inkluż permezz ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-intraprenditorija u aktar investimenti f'setturi li jżidu l-valur u d-dħul f'katini ta' valur mondjali u reġjonali;

- isaħħu l-mekkaniżmi, il-proċeduri u l-istituzzjonijiet sabiex titjieb il-kapaċità li jistabbilixxu u jimplimentaw politiki kummerċjali, kif ukoll biex is-settur privat ikun jista' jieħu vantaġġ minn dawn il-politiki u miż-żieda fl-opportunitajiet;

- jibnu fuq, irawmu u jappoġġaw il-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali, inkluż l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-armonizzazzjoni regolatorja, biex jgħinu lill-pajjiżi jieħdu aktar vantaġġ kummerċjali mal-ġirien tagħhom, u biex jikkontribwixxu għat-trawwim tal-istabbiltà, il-koeżjoni u l-prosperità reġjonali;

- jappoġġaw it-tħejjijiet għal Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali (CFTA) tal-Afrika.

Titolu V Mobbiltà u migrazzjoni

Il-Ftehim ser jibni fuq inizjattivi eżistenti (eż. l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-Qafas ta' Sħubija dwar il-Migrazzjoni, il-proċessi ta' Rabat u Kartum, is-Summit tal-Belt Valletta, id-djalogu kontinentali UE-UA). Dan ser ikun ibbażat fuq il-prinċipji tas-solidarjetà, is-sħubija u r-responsabbiltà kondiviża. Huwa ser jirrikonoxxi li l-interessi Afrikani u Ewropej rigward il-migrazzjoni huma interkonnessi u li meta ġestiti sew, il-migrazzjoni u l-mobbiltà jistgħu jkunu sors ta' prosperità, innovazzjoni u żvilupp sostenibbli.

Filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE, u fi ħdan l-oqfsa legali eżistenti, il-Ftehim ser jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar involviment politiku kontinwu mill-partijiet kollha sabiex il-flussi migratorji jiġu ġestiti fl-aspetti kollha tagħhom, jiġu indirizzati l-isfidi transkonfinali relatati, titkompla l-ħidma nazzjonali rigward il-migrazzjoni regolari u l-mobbiltà, ikunu salvati ħajjiet, tkun żgurata l-protezzjoni, jkunu indirizzati l-kawżi prinċipali, titwaqqaf il-migrazzjoni irregolari, jkunu msaħħa l-kooperazzjoni rigward ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni sostenibbli, u jkunu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tal-persuni soġġetti għal ċaqliq sfurzat.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar il-migrazzjoni legali,

- iżidu t-trasferiment tal-għarfien u l-kondiviżjoni permezz ta' skemi ta' mobbiltà regolati u msaħħa għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-professjonisti;

- jiffaċilitaw żjarat għal finijiet ta' negozju u investiment;

- jiżviluppaw perkorsi lejn il-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni tal-ħaddiema, protezzjoni soċjali xierqa u l-ġlieda kontra kull forma ta' sfruttament;

dwar il-migrazzjoni irregolari,

- iwaqqfu l-migrazzjoni irregolari billi jtejbu l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri, itejbu l-ġbir u l-qsim ta' informazzjoni u data, u jrawmu l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, b'referenza partikolari għall-pajjiżi ta' transitu ta' flussi migratorji kbar;

- jikkonfermaw l-obbligu legali tal-Partijiet li jieħdu lura n-nazzjonali proprji li jkunu jinsabu irregolarment fit-territorju ta' Parti oħra, fuq talba ta' din tal-aħħar u mingħajr il-kondizzjonalità, u jistabbilixxu mekkaniżmu biex jiżguraw li dan l-obbligu jiġi sodisfatt b'mod effettiv, u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom biex jirreaġixxu malajr għal talbiet ta' riammissjoni (b'mod partikolari, permezz tal-identifikazzjoni tan-nazzjonali tagħhom, il-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar għar-ritorn jew l-aċċettazzjoni tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-UE għar-ritorn, reazzjoni f'waqtha dwar formalitajiet ta' operazzjonijiet ta' ritorn). L-apprezzament tal-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji huwa integrat fid-djalogu politiku regolari bejn il-Partijiet;

- jiżviluppaw u jadottaw ukoll leġislazzjoni skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC) u l-Protokolli supplimentari tagħha (il-Protokoll kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru u l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal), bħala strumenti legali internazzjonali biex jiġġieldu kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;

- jintensifikaw l-azzjoni kontra netwerks ta' faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin u traffikanti permezz ta' sistemi aħjar ta' skambju ta' informazzjoni, investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali;

- jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi nazzjonali għall-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha;

- iniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji marbuta mal-migrazzjoni irregolari kif ukoll fuq il-possibbiltajiet relatati mal-migrazzjoni legali;

dwar kwistjonijiet oħrajn relatati,

- inaqqsu għal anqas minn 3 fil-mija l-kostijiet ta' tranżazzjoni ta' rimessi tal-migranti, jeliminaw il-kurituri tar-rimessi b'kostijiet għola minn 5 fil-mija, u jtejbu l-oqfsa regolatorji għal aktar involviment ta' atturi mhux tradizzjonali, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda;

- l-inkoraġġiment u l-appoġġ għall-involviment tad-dijaspora f'pajjiżi ta' oriġini, fil-ħajja pubblika u bil-ħsieb li jistimolaw l-iżvilupp ekonomiku lokali;

- jiżguraw li l-migrazzjoni min-Nofsinhar għan-Nofsinhar hija indirizzata b'mod adegwat fil-politiki tal-iżvilupp nazzjonali u reġjonali Afrikani;

- jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni u assistenza lil persuni spostati bil-forza, inkluż refuġjati, persuni li jfittxu l-asil u persuni spostati internament, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali.

Titolu VI Sostenibbiltà Ambjentali, tibdil fil-klima u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali

Il-Ftehim ser jirriafferma li l-azzjonijiet ambizzjużi ta' mitigazzjoni u ta' adattament huma essenzjali biex jiġu ġestiti u mtaffija r-riskji tat-tibdil fil-klima u, b'mod aktar ġenerali, li l-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent hija l-bażi vitali għall-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-azzjoni klimatika,

- jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, permezz ta' Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali (NAPs);

- jagħmlu l-flussi finanzjarji eżistenti u jesploraw finanzjament innovattiv u konsistenti b'perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

- jibnu u/jew isaħħu l-kapaċità umana u istituzzjonali xjentifika u teknika għal monitoraġġ u ġestjoni ambjentali u tal-klima, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ta' osservazzjoni tad-dinja u sistemi ta' informazzjoni bħal Copernicus;

- itejbu l-għarfien u l-kapaċità rigward għażliet ta' politika u l-aħjar prattiki biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodotti u riżorsi naturali;

- jiżviluppaw u/jew isaħħu tkabbir ekoloġiku u tkabbir blu f'setturi ekonomiċi ewlenin, inkluż l-agrikoltura u t-trasport;

- ifasslu strateġiji fit-tul biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jiżguraw ġestjoni komprensiva tar-riskju ta' diżastri, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament tar-riskju u trasferiment tar-riskju;

dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi,

- jippromwovu l-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli u r-restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità, notevolment fil-Baċin tal-Kongo, sabiex jippermettu l-iżvilupp tal-pajjiżi, it-titjib tal-għajxien tal-popolazzjonijiet lokali u t-twassil ta' servizzi tal-ekosistema lokalment u globalment, u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;

- jipproteġu l-fawna selvaġġa u jżidu l-għarfien pubbliku dwar il-ħarsien tal-fawna selvaġġa, il-kaċċa illegali u t-traffikar fil-livelli kollha, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u oqfsa internazzjonali rilevanti oħra;

- isaħħu l-involviment tal-komunitajiet lokali fil-konservazzjoni tal-ekosistemi, jagħtu prijorità lill-ħolqien ta' impjiegi u opportunitajiet ekonomiċi oħra, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent;

dwar il-governanza tal-oċeani,

- jippreservaw u jirrestawraw iż-żoni kostali u marini u l-bijodiversità tagħhom, filwaqt li jagħtu prijorità lill-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tas-sajd u tat-turiżmu, fil-kuntest ta' strateġiji ta' tkabbir blu;

- jikkumbattu s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ġestjoni sostenibbli tas-sajd, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis akustiku tal-baħar;

- inaqqsu l-iskart fil-baħar, jiffokaw fuq il-kawżi prinċipali tal-iskart fil-baħar, inkluż permezz ta' politika ta' prevenzjoni tal-iskart u l-espansjoni ta' operazzjonijiet ta' tindif tal-oċeani u l-kosti, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni ta' akkumulazzjoni fil-vortiċi tal-oċeani;

- jappoġġaw ir-regolamentazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO2 relatati mat-trasport marittimu;

- isaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali biex b'mod responsabbli jiġġestixxu r-riżorsi kostali u dawk oċeaniċi;

- jippromwovu l-valorizzazzjoni tal-kapital naturali tal-baħar u tal-kosta;

dwar il-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri,

- iżidu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, ta' twissija bikrija u dawk ta' valutazzjoni tar-riskju biex b'hekk itejbu l-prevenzjoni, l-mitigazzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u l-miżuri ta' rkupru fil-livell domestiku, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-infrastruttura tagħhom f'konformità mal-prijoritajiet tal-Qafas ta' Sendai;

- isaħħu l-kapaċità reġjonali ta' reazzjoni għad-diżastri u għar-rispons ta' emerġenza, inkluż il-mekkaniżmi tal-protezzjoni ċivili;

- irawmu kooperazzjoni permezz tal-użu ta' teknoloġiji u informazzjoni fis-settur spazjali;

- jiżguraw is-sjieda lokali bl-involviment tal-komunitajiet affettwati, tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' risposni ta' politika, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-familji l-aktar vulnerabbli u lill-gruppi marġinalizzati,

dwar in-nixfa, id-dežertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art,

- jippromwovu approċċi integrati li jindirizzaw in-nixfa, id-degradazzjoni tal-art u d-dežertifikazzjoni, inkluż permezz tal-iżgurar ta' drittijiet u pussess tal-art sostenibbli u ekwi, art sostenibbli, u l-ġestjoni tal-ilma u r-riżorsi tal-foresti, u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi sostenibbli għan-nies f'żoni rurali;

- iħaffu l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Dežertifikazzjoni (UNCCD), il-miri tan-Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art (LDN) tagħha u inizjattivi reġjonali u internazzjonali rilevanti oħrajn, inkluża l-inizjattiva Great Green Wall;

- jimmobilizzaw riżorsi addizzjonali fil-ġlieda kontra d-dežertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art u jsaħħu l-involviment tal-komunitajiet lokali;

dwar il-forestrija,

- jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli u l-użu tar-riżorsi tal-foresti, jillimitaw id-deforestazzjoni u jippromwovu l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT), inkluż permezz tal-konklużjoni u/jew l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji (VPA), u jsaħħu l-koerenza u l-interazzjonijiet pożittivi fil-livell tal-pajjiżi bejn il-FLEGT u l-programm tan-NU dwar it-Tnaqqis ta' Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti (REDD+);

- jaħdmu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar, il-kummerċ illegali tal-injam u prodotti tal-injam, iżidu l-għarfien pubbliku dwar id-deforestazzjoni fil-livelli kollha, u jinkoraġġixxu l-konsum ta' prodotti effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli;

- isaħħu l-involviment tal-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali, fil-protezzjoni tal-foresti, jagħtu prijorità lill-ħolqien ta' impjiegi u opportunitajiet ekonomiċi oħra fil-konservazzjoni tal-ekosistemi;

dwar l-urbanizzazzjoni sostenibbli,

- joħolqu ambjent legali, soċjali u politiku għal żvilupp urban sostenibbli, billi jinvolvu b'mod attiv lill-awtoritajiet lokali, b'attenzjoni partikolari għall-akkwiżizzjoni tal-art u għad-drittijiet tal-proprjetà trasparenti u regolati;

- itejbu l-bini tal-kapaċitajiet u jimpenjaw ruħhom f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni ambjentali;

- jibnu soluzzjonijiet ta' enerġija sostenibbli u ta' mobbiltà urbana, b'appoġġ minn finanzjament adegwat fil-livell domestiku u internazzjonali, inkluż permezz ta' sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat;

- itejbu l-ġestjoni tal-iskart – inkluż permezz ta' sistemi effiċjenti ta' ġbir u riċiklaġġ effettiv – u tas-sustanzi perikoluży kollha, u jindirizzaw kull forma ta' tniġġis;

- jippromwovu soluzzjonijiet imsejsa fin-natura biex tissaħħaħ ir-reżiljenza f'żoni urbani u jiżguraw li s-servizzi u d-dispożizzjonijiet tal-infrastruttura huma ddisinjati b'mod ekoloġiku u li ma jagħmilx ħsara lill-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

4. SĦUBIJA BEJN L-UE U L-KARIBEW

Parti 1 BAŻI GĦALL-KOOPERAZZJONI

Il-Ftehim ser jiddikjara li s-Sħubija bejn l-UE u l-Karibew tikkonsisti mill-objettivi ġenerali, il-prinċipji u l-impenji stabbiliti fil-Parti Ġenerali ta' dan il-Ftehim, u mill-objettivi speċifiċi u l-impenji stabbiliti f'dan il-Protokoll. Il-Parti Ġenerali u l-Protokoll huma komplementari u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

Il-Ftehim ser japprofondixxi r-relazzjonijiet eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Karibew u l-istabbiliment ta' sħubija politika u ta' benefiċċju reċiproku, li jippermetti biex titwettaq l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u dwar l-interessi ta' kull waħda mill-Partijiet.

B'mod aktar speċifiku, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

- jindirizzaw it-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu, u jiżguraw aċċess effettiv u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, sabiex jiġġeneraw żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli;
- jagħtu spinta lill-investiment pubbliku u privat u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi diċenti għal kulħadd;
- jibnu soċjetajiet sikuri u inklużivi; jipproteġu d-drittijiet ugwali tan-nisa u l-bniet u jippromwovu l-għoti tas-setgħa ekonomika, soċjali u politika tagħhom, jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiżguraw li perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha; jipprovdu alternattivi vijabbli għaż-żgħażagħ, appoġġati minn politiki effiċjenti tal-protezzjoni soċjali;
- jiksbu progress fil-governanza fiskali u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, il-kriminalità organizzata.

Il-Ftehim ser jibni fuq l-Istrateġija ta' Sħubija Konġunta UE-Karibew u jissostitwiha.

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi r-rabtiet mill-qrib li r-Reġjuni Ultraperiferiċi (ORs) u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCTs) tal-UE għandhom mal-pajjiżi tal-Karibew. Il-Ftehim ser jieħu miżuri biex isaħħaħ ir-rwol tagħhom fl-integrazzjoni u l-kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll proċessi u organizzazzjonijiet politiċi reġjonali, inkluż fil-qasam tat-tibdil fil-klima, il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali. L-OCTs ser jingħataw status ta' osservaturi fis-sħubija reġjonali, meta jkun adatt.

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet biex tiġi implimentata s-sħubija bejn l-UE u l-Karibew permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni suċċessivi fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Il-Ftehim ser jintroduċi sistema biex jiġi mmonitorjat il-progress, permezz tad-djalogu politiku fil-livelli kollha, permezz ta' approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, abbażi ta' indikaturi ċari u riżultati li jistgħu jitkejlu, sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni timxi kif previst.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet jistgħu jirrieżaminaw is-Sħubija bejn l-UE u l-Karibew fuq bażi regolari u kif ikun xieraq, bil-ħsieb li jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu.

Parti 2 PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI

Titolu I Sostenibbiltà Ambjentali, tibdil fil-klima u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali

Il-Ftehim ser jirriafferma li l-azzjonijiet ambizzjużi ta' mitigazzjoni u ta' adattament huma essenzjali biex jiġu ġestiti u mtaffija r-riskji tat-tibdil fil-klima li l-pajjiżi tal-Karibew huma partikolarment vulnerabbli għalihom, u, b'mod aktar ġenerali, li l-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent hija l-bażi vitali għall-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-azzjoni klimatika,

- jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima permezz Determinati fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali;
- jagħmlu l-flussi finanzjarji eżistenti u jesploraw għodod ta' finanzjament innovattiv u konsistenti b'perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;
- jibnu u/jew isaħħu l-kapaċità umana u istituzzjonali xjentifika u teknika għal monitoraġġ u ġestjoni ambjentali u tal-klima, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ta' osservazzjoni tad-dinja u sistemi ta' informazzjoni;
- itejbu l-għarfien u l-kapaċità rigward għażliet ta' politika u l-aħjar prattiki biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodotti u riżorsi naturali;
- jiżviluppaw u/jew isaħħu tkabbir ekoloġiku u tkabbir blu f'setturi ekonomiċi ewlenin;
- ifasslu strateġiji fit-tul biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra u ġestjoni komprensiva tar-riskju ta' diżastri, inkluż soluzzjonijiet ta' finanzjament tar-riskju u trasferiment tar-riskju;

dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi,

- jappoġġaw il-konservazzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-ekosistemi, sabiex jippermettu l-iżvilupp ta' pajjiżi, it-titjieb tal-għajxien tal-popolazzjonijiet lokali u t-twassil ta' servizzi tal-ekosistema lokalment u globalment, u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;

- jillimitaw id-deforestazzjoni u jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

- jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma;

- itejbu l-ġestjoni tal-iskart - inkluż permezz ta' sistemi effiċjenti ta' ġbir u riċiklaġġ effettiv - u tas-sustanzi perikoluży kollha, u jindirizzaw kull forma ta' tniġġis, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis akustiku tal-baħar;

dwar il-governanza tal-oċeani,

- jippreservaw u jirrestawraw l-ekosistemi kostali u tal-baħar, filwaqt li jagħtu prijorità lill-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd u tat-turiżmu u fil-kuntest ta' strateġiji ta' tkabbir blu;

- jiġġieldu s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ġestjoni sostenibbli tas-sajd;

- inaqqsu r-residwi fil-baħar, jiffokaw fuq il-kawżi bażiċi tal-iskart fil-baħar, inkluż permezz ta' politika ta' prevenzjoni tal-iskart u l-espansjoni ta' operazzjonijiet ta' tindif tal-oċeani, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni ta' akkumulazzjoni fil-vortiċi tal-oċeani;

- jappoġġaw ir-regolamentazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO2 relatati mal-industrija marittima;

- isaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali biex b'mod responsabbli jiġġestixxu r-riżorsi kostali u dawk oċeaniċi;

- jippromwovu l-valorizzazzjoni tal-kapital naturali tal-baħar u tal-kosta;

dwar il-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri,

- iżidu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, ta' twissija bikrija u dawk ta' valutazzjoni tar-riskju biex b'hekk itejbu l-prevenzjoni, l-mitigazzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u l-miżuri ta' rkupru fil-livell domestiku, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-infrastruttura tagħhom f'konformità mal-prijoritajiet tal-Qafas ta' Sendai;

- isaħħu l-kapaċità reġjonali ta' reazzjoni għad-diżastri u għar-rispons ta' emerġenza, inkluż il-mekkaniżmi tal-protezzjoni ċivili;

- irawmu kooperazzjoni permezz tal-użu ta' teknoloġiji u informazzjoni fis-settur spazjali;

- jiżguraw is-sjieda lokali bl-involviment tal-komunitajiet affettwati, tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' risponsi ta' politika, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-familji l-aktar vulnerabbli u lill-gruppi marġinalizzati.

Titolu II: Żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli

Il-Ftehim ser isaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn il-Partijiet, itejjeb l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja, jagħti spinta lill-investiment u l-opportunitajiet kummerċjali, u jappoġġa t-transizzjoni lejn impjieg sħiħ u ta' kwalità, ir-rispett u l-protezzjoni tal-istandards fundamentali tax-xogħol, inkluż id-djalogu soċjali. Dan ser isaħħaħ l-iżvilupp tas-settur privat fis-setturi kollha, inkluż l-agrikoltura, l-industrija u s-servizzi, bil-għan li n-nies kollha jitħallew jibbenefikaw mill-globalizzazzjoni u jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku jmur id f'id mas-sostenibbiltà ambjentali u jappoġġa l-ekonomija ekoloġika.

Vetturi ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet li jindirizzaw ostakli kruċjali li jeħtieġu intervent pubbliku - minbarra l-investiment strutturali fl-infrastrutturi (*eż.* l-enerġija, it-trasport, l-ilma u s-sanità, il-konnettività diġitali) - kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jinħoloq ambjent ta' negozju li jiffaċilita flussi akbar ta' investiment u żvilupp tas-settur privat.

Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom fost l-oħrajn, biex:

- joħolqu ambjent legali li jgħin, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-art u lid-drittijiet tal-proprjetà, lill-proprjetà intellettwali u lill-investiment sostenibbli, it-tnaqqis tal-burokrazija permezz tat-tnaqqis tal-kostijiet għal ċertifikazzjoni, liċenzji u l-aċċess għall-finanzi, il-politiki tal-kompetizzjoni tajba inkluż it-trasparenza fir-rigward ta' sussidji pubbliċi, u l-adozzjoni ta' sistemi tat-taxxa effikaċi u prevedibbli;

- jipprovdu lill-investituri b'informazzjoni faċilment aċċessibbli u adegwata dwar kif jistgħu jespandu n-negozju tagħhom fil-Karibew u fl-UE, biex b'hekk jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi għall-ħolqien ta' negozju;

- jagħmlu l-infiq pubbliku aktar effettiv u jagħmlu użu aktar strateġiku ta' finanzi pubbliċi, biex jattiraw investiment pubbliku u privat addizzjonali;

- iżidu l-aċċess domestiku għall-finanzjament, inkluż permezz ta' riformi tas-sistema finanzjarja biex jiżviluppaw sistemi ta' ħidma bankarja u mhux bankarja vijabbli u mekkaniżmi u skemi innovattivi ta' finanzjament;

- jiżviluppaw u jsaħħu s-servizzi finanzjarji diġitali, inkluż sistemi bankarji mobbli, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa dwar l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali u jiżguraw swieq miftuħa, il-protezzjoni tal-konsumatur u aktar aċċess għal servizzi mobbli;

- isaħħu aktar sistemi tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Tekniku u Vokazzjonali (TVET) xprunati mid-domanda, adattati għall-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tas-swieq tax-xogħol lokali u reġjonali.

Setturi ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat

Il-Partijiet ser jiffokaw fuq dawn is-setturi strateġiċi li ġejjin li mistennija jkollhom effett multiplikatur għoli lejn żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi, biex jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku jmur id f'id mas-sostenibbiltà ambjentali u jappoġġa l-ekonomija ekoloġika.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar tkabbir blu,

- jikkonkludu u/jew iġeddu ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), li jiżguraw is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd, il-promozzjoni tal-aħjar prattiki fil-ġestjoni tas-sajd, u il-kapaċità akbar tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

- jiżviluppaw akwakultura sostenibbli, permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-liċenzjar, ippjanar effettiv tal-ispazju għal effiċjenza u sostenibbiltà massima, kif ukoll titjib fil-livell tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-investituri;

- jiżguraw aċċess ġust, reponsabbli u mingħajr distorsjoni għas-setturi tal-estrazzjoni, inkluż l-estrazzjoni minn qiegħ il-baħar, għall-atturi ekonomiċi kollha, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ is-sovranità ta' kull pajjiż fuq ir-riżorsi naturali tiegħu u d-drittijiet tal-komunitajiet lokali u b'kont meħud tat-tħassib dwar is-sostenibbiltà li jippromwovi prattiki ambjentali tajbin, kif ukoll jiksbu aktar trasparenza u responsabbiltà inkluż permezz tal-promozzjoni tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi rilevanti oħra;

- jiżguraw aċċess mingħajr restrizzjoni għas-swieq u l-kummerċ marittimi internazzjonali, inkluż il-portijiet, abbażi ta' kompetizzjoni ġusta u fuq bażi kummerċjali;

dwar l-enerġija sostenibbli,

- jikkontribwixxu għal aċċess sostenibbli għall-enerġija għal kulħadd u jiżguraw aċċess affordabbli u affidabbli u użu produttiv tal-enerġija għall-atturi ekonomiċi kollha;

- jagħtu spint lill-investimenti, l-aktar fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-effiċjenza tal-effiċjenza enerġetika filwaqt li jindirizzaw id-distorsjonijiet detrimentali tas-suq;

- jintensifikaw il-finanzjament pubbliku u privat tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll l-iżvilupp u l-utilizzazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija li huma nodfa, diversi u sostenibbli, inkluż teknoloġiji rinnovabbli u b'emissjonijiet baxxi tal-enerġija;

dwar it-turiżmu,

- jagħtu spinta lill-investiment fis-settur tat-turiżmu, permezz ta' strateġiji aġevolati ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni, taħriġ professjonali u l-utilizzazzjoni ta' teknoloġiji diġitali;

- isaħħu r-rabtiet bejn is-settur turistiku u setturi oħra rilevanti, b'mod partikolari l-agrikoltura u s-sajd, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll għat-turiżmu agrikolu u marittimu;

- jintegraw l-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità fl-ippjanar u l-iżvilupp tal-politika dwar it-turiżmu;

- jippromwovu turiżmu sostenibbli, responsabbli u ta' kwalità għolja, li jirrispetta l-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali u jimmassimizzaw l-involviment tagħhom;

dwar il-konnettività tan-nies u tal-postijiet,

- jibnu sistemi infrastrutturali ta' kwalità u sostenibbli biex jiffaċilitaw il-konnettività u l-moviment tal-merkanzija u tal-persuni, filwaqt li jippromwovu prattiki ambjentali tajbin f'konformità ma' konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali stabbiliti;

- jiżguraw aċċess miftuħ, liberu u sikur għas-swieq tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (eż. it-telekomunikazzjoni, l-internet) għall-atturi ekonomiċi kollha, inkluż permezz tal-ħolqien ta' oqfsa leġislattivi favorevoli u l-appoġġ ta' investimenti mmirati, kif ukoll jipprevedu l-użu affordabbli tat-teknoloġiji diġitali għall-individwi u għan-negozji;

- jippromwovu skambji kulturali u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi sferi kulturali inkluż l-organizzazzjoni konġunta ta' avvenimenti kulturali;

- isaħħu l-kooperazzjoni, l-interkonnettività u l-integrazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (ORs) u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (OCTs);

- irawmu u jappoġġaw il-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fi ħdan il-Karibew kif ukoll mal-Amerka Latina.

Kooperazzjoni kummerċjali

Il-Ftehim ser jimmira li jrawwem opportunitajiet ta' kummerċ u investiment bejn il-Partijiet kif ukoll mar-reġjun usa' inkluż l-OCTs għall-benefiċċju ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli.

Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom, fost l-oħrajn, biex:

- isaħħu l-mekkaniżmi u l-proċeduri u jżidu il-kapaċità, fi ħdan l-arranġamenti kummerċjali miftiehma;

- jiżguraw li l-kondizzjonijiet qafas u l-linji ta' politika domestiċi t-tajba jkunu fis-seħħ biex jiġu ffaċilitati aktar flussi tal-kummerċ (inkluż il-Kummerċ u n-Negozju Elettroniku) li jwasslu għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli, għall-ħolqien tal-impjiegi, għad-diversifikazzjoni ekonomika u għall-industrijalizzazzjoni, inkluż permezz ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-intraprenditorija u aktar investimenti f'setturi li jżidu l-valur u li jidħlu fi ktajjen ta' valur globali u reġjonali;

- isaħħu l-mekkaniżmi, il-proċeduri u l-istituzzjonijiet sabiex titjieb il-kapaċità li jistabbilixxu u jimplimentaw politiki kummerċjali, kif ukoll biex is-settur privat ikun jista' jieħu vantaġġ minn dawn il-politiki u miż-żieda fl-opportunitajiet;

- jibnu fuq, irawmu u jappoġġaw il-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali, inkluż l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-armonizzazzjoni regolatorja, biex jgħinu lill-pajjiżi jieħdu aktar vantaġġ kummerċjali mal-ġirien tagħhom, u biex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-istabbiltà, il-koeżjoni u l-prosperità reġjonali.

Titolu III: Sigurtà tal-bniedem, drittijiet tal-bniedem u governanza tajba

Il-Ftehim ser itenni li soċjetajiet reżiljenti - b'istituzzjonijiet responsabbli, demokratiċi, effettivi u trasparenti, fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma protetti għal kollox u huwa ggarantit spazju adegwat għall-individwi u l-gruppi li jesprimu l-aspirazzjonijiet u jagħti forma lil politiki - huma dawk l-aktar ippreparati biex jadattaw, jirreaġixxu u jimmaniġġjaw kif suppost it-tibdil kemm domestiku kif ukoll dak fl-ambjent estern.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar il-kriminalità u s-sigurtà taċ-ċittadini,

- jikkumbattu l-kultivazzjoni, l-produzzjoni, it-traffikar u l-konsum tad-drogi illeċiti u jqiegħdu fokus speċjali fuq in-naħa tad-domanda, permezz tal-prevenzjoni u tat-taħriġ;

- jindirizzaw it-traffikar ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u armi konvenzjonali oħra, kontroll strateġiku kummerċjali ta' oġġetti b'użu doppju, permezz ta' tisħiħ tal-ġestjoni tal-kontroll tal-fruntieri, ġbir u kondiviżjoni ta' informazzjoni u data, u l-iskambju ta' esperti u assistenza teknika;

- jindirizzaw il-kriminalità u l-vjolenza bejn il-klikek b'approċċ komprensiv, ibbażat fuq il-kawżi sottostanti u preventiv, filwaqt li jindirizzaw dawk il-fatturi li jistgħu joħolqu ambjent li jwassal għar-radikalizzazzjoni;

- jikkooperaw sabiex jimpedixxu l-użu tas-sistemi finanzjarji, tal-istituzzjonijiet u tan-negozji u tal-professjonijiet mhux finanzjarji magħżula tal-ħasil tal-flus mir-rikavati minn attivitajiet kriminali (inkluż it-traffikar illeċitu u l-korruzzjoni) u għall-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mal-istandards internazzjonali;

dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni,

- itejbu l-ġestjoni tal-migrazzjoni inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-ġbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u data, u jżidu l-azzjoni kontra t-traffikar ta' bnedmin, l-ispostament furzat u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem;

- jikkonfermaw l-obbligu legali tal-Partijiet li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom li jkunu preżenti b'mod irregolari fit-territorju ta' Parti oħra, fuq talba ta' din tal-aħħar u mingħajr kondizzjonalità;

dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja,

- japplikaw bis-sħiħ il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-etniċità, is-sess, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, filwaqt li jagħtu prijorità lir-revoka ta' liġijiet diskriminatorji;

- irawmu djalogu u kooperazzjoni dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin, kif ukoll aġir ħażin mill-forzi tas-sigurtà;

- jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, itemmu l-vjolenza abbażi ta' sess u l-vjolenza domestika, l-isfruttament sesswali u tax-xogħol, jippromwovu d-drittijiet tat-tfal, jtemmu l-impjieg tat-tfal, l-abbuż tat-tfal u l-pieni korporali, jiġġieldu kontra kull forma ta' sfruttament għal profitti, kemm f'ekonomiji legali kif ukoll illegali, b'mod partikolari billi jiffirmaw u jirratifikaw il-protokoll tal-ILO dwar ix-xogħol furzat tal-2014;

- isaħħu l-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt, jiżguraw aċċess effettiv u ekwu għall-ġustizzja, l-indipendenza u r-responsabbiltà tal-ġudikatura, għall-bini tal-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tal-ġustizzja, u jintemm ix-xogħol b'lura u l-ammont eċċessiv ta' arrest preventiv;

- itejbu l-kondizzjonijiet fil-ħabs, jimplimentaw programmi ta' riabilitazzjoni soċjali fid-dawl tal-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-ħabsin, u jindirizzaw il-problemi soċjali u ta' sigurtà maħluqa mid-deportazzjoni ta' kriminali minn pajjiżi terzi;

dwar il-governanza tajba u kwistjonijiet fiskali,

- jippromwovu governanza tajba inkluż il-ġestjoni soda tal-finanzi pubbliċi, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont;

- jibnu istituzzjonijiet pubbliċi inklużivi u trasparenti, li għandhom obbligu ta' rendikont, inkluż l-użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' gvern elettroniku;

- jistabbilixxu mekkaniżmi ġodda u jsaħħu dawk eżistenti kontra l-korruzzjoni, it-tixħim u d-delitt tal-kullar abjad inkluż il-ħasil tal-flus u l-flussi finanzjarji illeċiti;

- jindirizzaw il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, b'attenzjoni partikolari għaż-żieda tat-trasparenza fiskali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa u l-ġlieda kontra flussi finanzjarji illeċiti, f'konformità mal-istandards u l-oqfsa internazzjonali rilevanti;

- jintensifikaw id-djalogu politiku ma' ġurisdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa li ma jikkooperawx bil-għan li jintlaħqu standards dinjin ta' governanza fiskali;

- jippromwovu l-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-mezzi tax-xandir bħala pilastri tad-demokrazija, u jiffaċilitaw, jippreservaw u jwessgħu spazju faċilitattiv għas-soċjetà ċivili.

Titolu IV: Żvilupp tal-bniedem u koeżjoni soċjali

Il-Ftehim ser jafferma d-determinazzjoni tal-Partijiet biex jeqirdu l-faqar fil-forom kollha sal-2030, jindirizzaw b'mod effettiv l-inugwaljanza u jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi, u joħolqu l-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni effettiva tan-nies fil-ħajja demokratika u kontribuzzjoni attiva għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Huwa ser jirrikonoxxi wkoll il-protezzjoni soċjali bħala investiment fundamentali għall-eradikazzjoni tal-faqar u l-ġlieda kontra l-inugwaljanza, u bħala mezz importanti biex jinħoloq ċiklu ta' awtotisħiħ lejn żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli, billi l-qligħ ekonomiku jerġa' jiġi investit b'mod aktar wiesa' fis-soċjetà u fin-nies u tiżdied ir-reżiljenza soċjali.

Il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u ser timpenja ruħha għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. Il-Ftehim ser jenfasizza ulterjorment il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-iżvilupp tal-bniedem,

- jiġi żgurat li l-bniet u s-subien kollha jlestu l-edukazzjoni ta' qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja bla ħlas, ġusta u ta' kwalità u li r-reġistrazzjonijiet fl-edukazzjoni terzjarja u l-edukazzjoni teknika u vokazzjonali ta' taħriġ jkunu mtejba b'mod sinifikanti, permezz ta' sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali msaħħa u inklużivi fil-livelli kollha, u jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji diġitali aċċessibbli u affordabbli għall-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-litteriżmu;

- jiksbu kopertura sanitarja universali u aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa, inkluż permezz ta' sistemi sanitarji nazzjonali msaħħa f'kull livell u jtejbu l-kapaċità għat-twissija bikrija, it-tnaqqis tar-riskju u l-ġestjoni ta' riskji nazzjonali u globali tas-saħħa;

- jiżguraw aċċess sikur u suffiċjenti għall-ilma tax-xorb sabiex jintlaħqu livelli ġestiti b'mod sikur, inkluż is-sanitazzjoni u l-iġjene, u jissalvagwardjaw is-saħħa u l-livelli ta' benesseri; jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal ikel biżżejjed, affordabbli, sikur u nutrittiv;

- jadottaw politiki ffukati u investiment xieraq biex jippromwovu d-drittijiet taż-żgħażagħ, jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika;

- jisfruttaw il-benefiċċji tal-migrazzjoni regolari, billi jiġu ffaċilitati l-iskemi ta' mobbiltà għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-professjonisti kif ukoll żjarat għal finijiet ta' negozju u investiment fi ħdan l-oqfsa legali eżistenti;

- jindirizzaw l-isfidi li jġibu l-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat minħabba l-ambjent u l-impatt tiegħu fuq il-migranti u l-komunitajiet tagħhom;

- jippromwovu l-protezzjoni u t-tisħiħ ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli,

dwar il-ħarsien soċjali,

- jadottaw politiki ta' appoġġ biex jinkiseb u jinżamm tkabbir fid-dħul tal-40 % tal-popolazzjoni li jinsabu fl-aktar livell baxx f'rata ogħla mill-medja nazzjonali;

- jestendu l-kopertura tal-protezzjoni soċjali bil-għan li progressivament tintlaħaq l-universalità, permezz ta' sigurtà għad-dħul bażiku u sistemi ta' protezzjoni soċjali li jkunu adegwati u kapaċi jirreaġixxu għax-xokkijiet;

- joħolqu swieq tax-xogħol aktar inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb u politiki tal-impjiegi li l-għan tagħhom hu xogħol deċenti għal kulħadd, inkluż it-titjib fil-kondizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema;

- jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-ekonomija informali, inkluż il-protezzjoni soċjali għal kulħadd, kif ukoll l-aċċess għall-kreditu u l-mikrofinanzjament, bil-għan li tiġi ffaċilitata transizzjoni mingħajr problemi lejn l-ekonomija formali;

dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi,

- jiżguraw li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha;

- jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u jappellaw lil dawk li għadhom ma għamlux hekk biex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-protokoll fakultattiv tagħha dwar id-drittijiet tan-nisa;

- jiżguraw l-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u tan-nisa, billi jeliminaw kull forma ta' vjolenza abbażi ta' ġeneru u sess, inkluż traffikar ta' bnedmin u jtemmu ż-żwiġijiet tat-tfal, bikrija u furzati;

- jiżguraw li d-drittijiet soċjali tal-bniet u tan-nisa jiġu rispettati u promossi, l-aktar fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni;

- isaħħu l-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa fil-ħajja politika, soċjali u ekonomika permezz ta' preżenza aħjar tan-nisa fil-proċessi elettorali, tal-politiki, u tal-governanza, fil-proċessi ta' paċi u fl-isforzi ta' medjazzjoni, u billi jagħtu s-setgħa lill-organizzazzjonijiet tal-bniet u tan-nisa;

- jirrinfurzaw id-drittijiet ekonomiċi tan-nisa, billi jaġevolaw l-aċċess tagħhom għal opportunitajiet ekonomiċi, is-servizzi finanzjarji u l-impjieg, il-kontroll u l-użu tal-art u ta' assi produttivi oħra, u jappoġġaw lill-intraprendituri nisa.

Appoġġ lil Haiti

Il-Ftehim, filwaqt li jirrikonoxxi s-sitwazzjoni speċjali ta' Haiti bħala l-uniku LDC fir-reġjun, ser jimpenja ruħu għal kooperazzjoni fit-tul biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali tal-pajjiż, filwaqt li jiġu appoġġati l-objettivi kollha msemmija hawn fuq, inkluża l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-istat, it-titjib tal-governanza globali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kollużjoni, inaqqas il-faqar u l-inugwaljanzi soċjali, u jindirizza l-vulnerabbiltajiet għal temp estrem u avvenimenti klimatiċi.

5. SĦUBIJA BEJN L-UE U L-PAĊIFIKU

Parti 1 BAŻI GĦALL-KOOPERAZZJONI

Il-Ftehim ser jiddikjara li s-Sħubija bejn l-UE u l-Paċifiku tikkonsisti mill-objettivi ġenerali, il-prinċipji u l-impenji stabbiliti fil-Parti Ġenerali ta' dan il-Ftehim, u mill-objettivi speċifiċi u l-impenji stabbiliti f'dan il-Protokoll. Il-Parti Ġenerali u l-Protokoll huma komplementari u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

Il-Ftehim ser japprofondixxi r-relazzjonijiet eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun Paċifiku u jistabbilixxi sħubija politika ta' benefiċċju reċiproku, u b'hekk jippermetti li titwettaq l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-interessi ewlenin ta' kull waħda mill-Partijiet.

B'mod aktar speċifiku, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

- jiżguraw aċċess sostenibbli u ġestjoni tar-riżorsi naturali u jtejbu r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali li jaffettwaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostnut;
- jagħtu spinta lill-investiment pubbliku u privat u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi diċenti għal kulħadd;
- jibnu soċjetajiet inklużivi u sikuri, inkluż bl-appoġġ ta' proċessi ta' rikonċiljazzjoni;
- jipproteġu d-drittijiet ugwali tan-nisa u l-bniet u jippromwovu l-għoti tas-setgħa ekonomika, soċjali u politika tagħhom, jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiżguraw li perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha, u jżidu l-isforzi dwar politiki tal-iżvilupp tal-bniedem u l-protezzjoni soċjali;
- jiksbu progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, il-kriminalità organizzata u l-governanza fiskali.

Il-Ftehim ser jissostitwixxi l-Istrateġija tal-UE għall-Gżejjer tal-Paċifiku.

Il-Ftehim ser isaħħaħ ir-rabtiet mill-qrib li l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCTs) għandhom mal-pajjiżi tal-Paċifiku. Il-Ftehim ser jieħu miżuri biex isaħħaħ ir-rwol tagħhom fl-integrazzjoni u l-kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll proċessi u organizzazzjonijiet politiċi reġjonali, inkluż fil-qasam tat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali. L-OCTs ser jingħataw status ta' osservaturi fis-sħubija reġjonali, meta jkun adatt.

Il-Ftehim ser jinkludi impenn mill-Partijiet biex tiġi implimentata s-Sħubija bejn l-UE u l-Paċifiku permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni suċċessivi fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Il-Ftehim ser jintroduċi sistema biex jiġi mmonitorjat il-progress, bl-użu ta' djalogu fil-livelli kollha, permezz ta' approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, bl-użu ta' indikaturi ċari u riżultati li jistgħu jitkejlu, sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tkun miexja kif previst.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet jistgħu jirrieżaminaw s-Sħubija bejn l-UE u l-Paċifiku fuq bażi regolari u kif ikun xieraq, bil-ħsieb li jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu.

Parti 2 PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI

Titolu I Sostenibbiltà Ambjentali, tibdil fil-klima u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali

Il-Ftehim ser jirriafferma li l-azzjonijiet ambizzjużi ta' mitigazzjoni u ta' adattament huma essenzjali biex jiġu ġestiti u mtaffija r-riskji tat-tibdil fil-klima u, b'mod aktar ġenerali, li l-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent hija l-bażi vitali għall-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-azzjoni klimatika,

- jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima permezz Determinati fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali;
- jagħmlu l-flussi finanzjarji eżistenti u jesploraw finanzjament innovattiv u konsistenti b'perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;
- itejbu l-għarfien u l-kapaċità rigward għażliet ta' politika u l-aħjar prattiki biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodotti u riżorsi naturali;
- jibnu u/jew isaħħu l-kapaċità umana u istituzzjonali xjentifika u teknika għal monitoraġġ u ġestjoni ambjentali u tal-klima, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ta' osservazzjoni tad-dinja u sistemi ta' informazzjoni;
- jiżviluppaw u/jew isaħħu tkabbir ekoloġiku u tkabbir blu f'setturi ekonomiċi ewlenin;
- ifasslu strateġiji fit-tul biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra u ġestjoni komprensiva tar-riskju ta' diżastri, inkluż soluzzjonijiet ta' finanzjament tar-riskju u trasferiment tar-riskju;

dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi,

- jappoġġaw il-konservazzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-ekosistemi, sabiex jippermettu l-iżvilupp ta' pajjiżi, it-titjieb tal-għajxien tal-popolazzjonijiet lokali u t-twassil ta' servizzi tal-ekosistema lokalment u globalment, u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;

- jillimitaw id-deforestazzjoni u jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

- jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma;

- itejbu l-ġestjoni tal-iskart - inkluż permezz ta' sistemi effiċjenti ta' ġbir u riċiklaġġ effettiv - u tas-sustanzi perikolużi kollha, u jindirizzaw kull forma ta' tniġġis, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis akustiku tal-baħar;

dwar il-governanza tal-oċeani,

- jippreservaw u jirrestawraw iż-żoni kostali u marini u l-bijodiversità tagħhom, filwaqt li jagħtu prijorità lill-iżvilupp sostenibbli tas-settur sajd u tat-turiżmu fil-kuntest ta' strateġiji ta' tkabbir blu;

- jiġġieldu s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ġestjoni sostenibbli tas-sajd;

- inaqqsu l-iskart fil-baħar, jiffokaw fuq il-kawżi prinċipali tal-iskart fil-baħar, inkluż permezz ta' politika ta' prevenzjoni tal-iskart u l-espansjoni ta' operazzjonijiet ta' tindif tal-oċeani u l-kosti, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil żoni ta' akkumulazzjoni fil-vortiċi tal-oċeani;

- jappoġġaw ir-regolamentazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO2 relatati mal-industrija marittima;

- isaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali biex b'mod responsabbli jiġġestixxu r-riżorsi kostali u dawk oċeaniċi;

- jippromwovu l-valorizzazzjoni tal-kapital naturali tal-baħar u tal-kosta;

dwar il-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri,

- iżidu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, ta' twissija bikrija u dawk ta' valutazzjoni tar-riskju biex b'hekk itejbu l-prevenzjoni, l-mitigazzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u l-miżuri ta' rkupru fil-livell domestiku, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-infrastruttura tagħhom f'konformità mal-prijoritajiet tal-Qafas ta' Sendai;

- isaħħu l-kapaċità reġjonali ta' rispons għad-diżastri u ta' emerġenza, inkluż il-mekkaniżmi tal-protezzjoni ċivili, sabiex jagħtu spinta lir-riċerka u t-tixrid tal-aħjar prattika;

- irawmu kooperazzjoni permezz tal-użu ta' teknoloġiji u informazzjoni fis-settur spazjali;

- jiżguraw is-sjieda lokali bl-involviment tal-komunitajiet affettwati, tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' risponsi ta' politika, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-familji l-aktar vulnerabbli u lill-gruppi marġinalizzati.

Titolu II: Żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli

Il-Ftehim ser isaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn il-Partijiet, itejjeb l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja, jagħti spinta lill-investiment u l-opportunitajiet kummerċjali, u jappoġġa t-transizzjoni lejn impjieg sħiħ u ta' kwalità, ir-rispett u l-protezzjoni tal-istandards fundamentali tax-xogħol, inkluż id-djalogu soċjali. Dan ser isaħħaħ l-iżvilupp tas-settur privat fis-setturi kollha, inkluż l-agrikoltura, l-industrija u s-servizzi, bil-għan li n-nies kollha jitħallew jibbenefikaw mill-globalizzazzjoni u jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku jmur id f'id mas-sostenibbiltà ambjentali u jappoġġa l-ekonomija ekoloġika.

Vetturi ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet li jindirizzaw ostakli kruċjali li jeħtieġu intervent pubbliku – minbarra l-investiment strutturali fl-infrastrutturi (eż. l-enerġija, it-trasport, il-konnettività diġitali) – kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, biex jinħoloq ambjent ta' negozju li jiffaċilita flussi akbar ta' investiment u żvilupp tas-settur privat.

Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom fost l-oħrajn, biex:

- joħolqu ambjent legali li jgħin, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-art u d-drittijiet tal-proprjetà, l-proprjetà intellettwali u l-investiment sostenibbli; inaqqsu l-burokrazija billi jnaqqsu l-kostijiet għal ċertifikazzjoni, liċenzji u l-aċċess għall-finanzi, il-politiki tal-kompetizzjoni tajba inkluż it-trasparenza fir-rigward ta' sussidji pubbliċi, u l-adozzjoni ta' sistemi fiskali li jiffavorixxu l-investiment;

- jipprovdu lill-investituri b'informazzjoni faċilment aċċessibbli u adegwata dwar kif jistgħu jespandu n-negozju tagħhom fil-Paċifiku u l-UE, biex b'hekk jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi għall-ħolqien ta' negozju;

- jagħmlu l-infiq pubbliku aktar effettiv u jagħmlu użu aktar strateġiku ta' finanzi pubbliċi, biex jattiraw investiment pubbliku u privat addizzjonali;

- iżidu l-aċċess domestiku għall-finanzjament, inkluż permezz ta' riformi tas-sistema finanzjarja biex jiżviluppaw sistemi ta' ħidma bankarja u mhux bankarja vijabbli u mekkaniżmi u skemi innovattivi ta' finanzjament;

- jiżviluppaw u jsaħħu s-servizzi finanzjarji diġitali, inkluż sistemi bankarji mobbli, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa dwar l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali u jiżguraw swieq miftuħa, il-protezzjoni tal-konsumatur u aktar aċċess għal servizzi mobbli;

- isaħħu aktar sistemi tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Tekniku u Vokazzjonali (TVET) xprunati mid-domanda, adattati għall-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tas-swieq tax-xogħol lokali u reġjonali.

Setturi ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat

Il-Partijiet ser jiffokaw fuq is-setturi strateġiċi li ġejjin li huma mistennija li jkollhom effett multiplikatur għoli lejn żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar tkabbir blu,

- jikkonkludu u/jew iġeddu ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), li jiżguraw is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd, il-promozzjoni tal-aħjar prattiki fil-ġestjoni tas-sajd, u il-kapaċità akbar tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd;

- jiżviluppaw akwakultura sostenibbli, permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-liċenzjar, ippjanar effettiv tal-ispazju għal effiċjenza u sostenibbiltà massima, kif ukoll titjib fil-livell tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-investituri;

- jiżguraw aċċess ġust, reponsabbli u mingħajr distorsjoni għas-setturi tal-estrazzjoni, inkluż l-estrazzjoni minn qiegħ il-baħar, għall-atturi ekonomiċi kollha, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ is-sovranità ta' kull pajjiż fuq ir-riżorsi naturali tiegħu u d-drittijiet tal-komunitajiet lokali u b'kont meħud tat-tħassib dwar is-sostenibbiltà li jippromwovi prattiki ambjentali tajbin, kif ukoll jiksbu aktar trasparenza u responsabbiltà inkluż permezz tal-promozzjoni tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi rilevanti oħra;

- jiżguraw aċċess mingħajr restrizzjoni għas-swieq u l-kummerċ marittimi internazzjonali, inkluż il-portijiet, abbażi ta' kompetizzjoni ġusta u fuq bażi kummerċjali;

dwar l-enerġija sostenibbli,

- jikkontribwixxu għal aċċess sostenibbli għall-enerġija għal kulħadd u jiżguraw aċċess affordabbli u affidabbli u użu produttiv tal-enerġija għall-atturi ekonomiċi kollha;

- jagħtu spinta lill-investimenti speċjalment fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-effiċjenza tal-effiċjenza enerġetika filwaqt li jindirizzaw id-distorsjonijiet detrimentali tas-suq;

- jintensifikaw il-finanzjament pubbliku u privat tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll l-iżvilupp u l-utilizzazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija li huma nodfa, diversi u sostenibbli, inkluż teknoloġiji rinnovabbli u b'emissjonijiet baxxi tal-enerġija;

- dwar it-turiżmu,

- jagħtu spinta lill-investiment fis-settur tat-turiżmu, permezz ta' strateġiji aġevolati ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni, taħriġ professjonali u l-utilizzazzjoni ta' teknoloġiji diġitali;

- isaħħu r-rabtiet bejn is-settur turistiku u setturi oħra rilevanti, b'mod partikolari l-agrikoltura u s-sajd, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll għat-turiżmu agrikolu u marittimu;

- jintegraw l-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità fl-ippjanar u l-iżvilupp tal-politika dwar it-turiżmu;

- jippromwovu turiżmu sostenibbli, responsabbli u ta' kwalità għolja, li jirrispetta l-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali u jimmassimizzaw l-involviment tagħhom;

dwar il-konnettività tan-nies u tal-postijiet,

- jibnu sistemi infrastrutturali ta' kwalità u sostenibbli biex jiffaċilitaw il-moviment tal-merkanzija u tal-persuni, filwaqt li jippromwovu prattiki ambjentali tajbin f'konformità ma' konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali stabbiliti;

- jiżguraw aċċess miftuħ, liberu u sikur għas-swieq tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (eż. it-telekomunikazzjoni, l-internet) għall-atturi ekonomiċi kollha, inkluż permezz tal-ħolqien ta' oqfsa leġislattivi favorevoli u l-appoġġ ta' investimenti mmirati, kif ukoll jipprevedu l-użu affordabbli tat-teknoloġiji diġitali għall-individwi u għan-negozji;

- jippromwovu l-iskambji kulturali u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi sferi kulturali;

- itejbu l-kooperazzjoni, l-interkonnettività u l-integrazzjoni mal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej tal-UE (OCT);

- irawmu u jappoġġaw proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fil-Paċifiku.

Kooperazzjoni kummerċjali

Il-Ftehim ser jimmira li jrawwem opportunitajiet ta' kummerċ u investiment bejn il-Partijiet kif ukoll mar-reġjun usa' inkluż l-OCTs għall-benefiċċju ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

- isaħħu l-mekkaniżmi u l-proċeduri u jżidu l-kapaċità, fl-ambitu tar-reġimi kummerċjali miftiehma;

- jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' qafas u l-politiki domestiċi ġusti jkunu fis-seħħ, billi jittrattaw il-limitazzjonijiet tal-ambjent tan-negozju u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa, biex b'hekk iż-żieda fil-flussi kummerċjali u fl-esportazzjonijiet iwasslu għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli (inkluż il-Kummerċ u n-Negozju Elettroniku), il-ħolqien tal-impjiegi, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-industrijalizzazzjoni, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-intraprenditorija, żieda fl-investimenti fis-setturi li jżidu l-valur, u l-inseriment fi ktajjen ta' valur globali u reġjonali;

- jibnu fuq il-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali kif ukoll irawmuhom u jappoġġawhom, biex jgħinu lill-pajjiżi biex jibbenefikaw mill-kummerċ mal-ġirien tagħhom u jikkontribwixxu biex titrawwem l-istabbiltà, il-koeżjoni u l-prosperità reġjonali;

- isaħħu l-mekkaniżmi, il-proċeduri u l-istituzzjonijiet sabiex titjieb il-kapaċità li jistabbilixxu u jimplimentaw politiki kummerċjali, kif ukoll biex is-settur privat ikun jista' jieħu vantaġġ minn dawn il-politiki u miż-żieda fl-opportunitajiet;

- jibnu fuq il-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali kif ukoll irawmuhom u jappoġġawhom, inkluż il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-armonizzazzjoni regolatorja, biex jgħinu lill-pajjiżi jieħdu vantaġġ akbar mill-kummerċ mal-ġirien tagħhom, u biex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-istabbiltà u l-prosperità reġjonali.

Titolu III: Sigurtà, drittijiet tal-bniedem u governanza tajba

Il-Ftehim ser itenni li soċjetajiet reżiljenti - b'istituzzjonijiet responsabbli, demokratiċi, effettivi u trasparenti, fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma protetti għal kollox u huwa ggarantit spazju adegwat għall-individwi u l-gruppi li jesprimu l-aspirazzjonijiet u jagħti forma lil politiki - huma dawk l-aktar ippreparati biex jadattaw, jirreaġixxu u jimmaniġġjaw kif suppost it-tibdil kemm domestiku kif ukoll dak fl-ambjent estern.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar il-paċi u s-sigurtà,

- jappoġġjaw inizjattivi ta' prevenzjoni ta' kunflitti għall-forom kollha ta' kunflitt u vjolenza, inkluż l-vjolenza bbażata fuq l-identità, u proċessi ta' rikonċiljazzjoni;

- jindirizzaw it-traffikar illeċitu kurrenti tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, u tad-drogi kif ukoll il-kwistjoni tal-integrazzjoni ta' kriminali deportati minn pajjiżi metropolitani;

- jiżviluppaw kooperazzjoni dwar is-sorveljanza marittima u dik tal-ispazju tal-ajru u l-protezzjoni tagħhom, inkluż l-identifikazzjoni u l-irtirar tar-reġistrazzjoni ta' bastimenti li jtajru bandiera illegalment, u jidentifikaw il-bżonnijiet u l-mezzi biex jikkumbattu ċ-ċiberkriminalità;

- isaħħu s-sistemi ta' governanza biex iwaqqfu l-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin u n-netwerks kriminali relatati, b'attenzjoni speċifika fuq il-protezzjoni tal-vittmi u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' prevenzjoni għall-persuni f'riskju;

- jikkooperaw sabiex jimpedixxu l-użu tas-sistemi finanzjarji, tal-istituzzjonijiet u tan-negozji u tal-professjonijiet mhux finanzjarji magħżula tal-ħasil tal-flus mir-rikavati minn attivitajiet kriminali (inkluż it-traffikar illeċitu u l-korruzzjoni) u għall-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mal-istandards internazzjonali;

- jikkonfermaw l-obbligu legali tal-Partijiet li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom li jkunu preżenti b'mod irregolari fit-territorju ta' Parti oħra, fuq talba ta' din tal-aħħar u mingħajr kondizzjonalità;

- jrawmu l-kooperazzjoni u l-inizjattivi lokali dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, filwaqt li tkun mifhuma l-importanza tal-impatt tiegħu fuq il-paċi u s-sigurtà;

dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u l-prinċipji demokratiċi,

- japplikaw bis-sħiħ il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-etniċità, is-sess, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, filwaqt li jagħtu prijorità lir-revoka ta' liġijiet diskriminatorji;

- irawmu djalogu u kooperazzjoni dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin;

- jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, itemmu l-vjolenza abbażi ta' sess u dik domestika, l-isfruttament sesswali u tax-xogħol, jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem tat-tfal, itemmu t-tħaddim tat-tfal, l-abbuż tat-tfal u l-pieni korporali, il-ġlieda kontra kull forma ta' sfruttament għall-profitti, kemm f'ekonomiji legali kif ukoll illegali;

- itejbu l-aċċess ugwali għall-protezzjoni ġudizzjarji u tad-drittijiet tal-bniedem u jagħmlu monitoraġġ tal-mekkaniżmi;

- jirrispettaw il-prinċipji u l-istituzzjonijiet demokratiċi, it-trasferiment paċifiku tal-poter, kif ukoll il-valuri fundamentali f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Biketawa tal-2000 tal-Mexxejja tal-Forum u tal-Qafas tal-2014 għar-Reġjonaliżmu tal-Paċifiku;

- jiżguraw strutturi u proċessi konsultattivi li jqisu l-għarfien tradizzjonali u l-preokkupazzjonijiet tal-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni, skont il-prinċipji u l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet individwali jew kollettivi tagħhom;

dwar il-governanza tajba u kwistjonijiet fiskali,

- jibnu istituzzjonijiet pubbliċi inklużivi u trasparenti, li għandhom obbligu ta' rendikont, inkluż l-użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' gvern elettroniku;

- jippromwovu l-governanza tajba u jistabbilixxu mekkaniżmi ġodda u jsaħħu dawk eżistenti kontra l-korruzzjoni, it-tixħim u l-ħasil tal-flus skont id-Dikjarazzjoni tal-2015 ta' Denarau dwar il-Drittijiet tal-Bniedem u l-Governanza Tajba;

- jindirizzaw il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, b'attenzjoni partikolari biex jiżdiedu t-trasparenza fiskali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa, f'konformità mal-istandards u l-oqfsa internazzjonali rilevanti;

- jintensifikaw id-djalogu politiku ma' ġurisdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa li ma jikkooperawx bil-għan li jintlaħqu standards dinjin ta' governanza fiskali;

- jippromwovu l-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-mezzi tax-xandir bħala pilastri tad-demokrazija, u jiffaċilitaw, jippreservaw u jwessgħu spazju faċilitattiv għas-soċjetà ċivili.

Titolu IV: Żvilupp tal-bniedem u koeżjoni soċjali

Il-Ftehim ser jafferma d-determinazzjoni tal-Partijiet biex jeqirdu l-faqar fil-forom kollha sal-2030, jindirizzaw b'mod effettiv l-inugwaljanza u jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi, u joħolqu l-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni effettiva tan-nies fil-ħajja demokratika u kontribuzzjoni attiva għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Huwa ser jirrikonoxxi wkoll il-protezzjoni soċjali bħala investiment fundamentali għall-eradikazzjoni tal-faqar u l-ġlieda kontra l-inugwaljanza, u bħala mezz importanti biex jinħoloq ċiklu ta' awtotisħiħ lejn żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli, billi l-qligħ ekonomiku jerġa' jiġi investit b'mod aktar wiesa' fis-soċjetà u fin-nies u tiżdied ir-reżiljenza soċjali.

Il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u ser timpenja ruħha għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, il-Ftehim ser ifisser impenn lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. Il-Ftehim ser jenfasizza ulterjorment il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

Għal dan l-iskop, il-Partijiet ser jieħdu miżuri konkreti, fost l-oħrajn, biex:

dwar l-iżvilupp tal-bniedem,

- jiġi żgurat li kulħadd ilesti l-edukazzjoni ta' qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja bla ħlas, ġusta u ta' kwalità u li r-reġistrazzjonijiet fl-edukazzjoni terzjarja u l-edukazzjoni teknika u vokazzjonali ta' taħriġ jkunu mtejba b'mod sinifikanti permezz ta' sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali inklużivi fil-livelli kollha, u jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji diġitali aċċessibbli u affordabbli għall-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-litteriżmu;

- jiksbu kopertura sanitarja universali u aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa, inkluż permezz ta' sistemi sanitarji nazzjonali msaħħa f'kull livell u jtejbu l-kapaċità għat-twissija bikrija, it-tnaqqis tar-riskju u l-ġestjoni ta' riskji nazzjonali u globali tas-saħħa;

- jiżguraw aċċess sikur u suffiċjenti għall-ilma tax-xorb sabiex jintlaħqu livelli ġestiti b'mod sikur, inkluż is-sanitazzjoni u l-iġjene, u jissalvagwardjaw is-saħħa u l-livelli ta' benesseri;

- jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal ikel biżżejjed, affordabbli, sikur u nutrittiv;

- jadottaw politiki ffukati u investiment xieraq biex jippromwovu d-drittijiet taż-żgħażagħ, jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika;

- jiffaċilitaw l-iskemi ta' mobbiltà għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-professjonisti kif ukoll żjarat għal finijiet ta' negozju u investiment fi ħdan l-oqfsa legali eżistenti;

- jindirizzaw l-isfidi li jġibu l-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat minħabba l-klima u l-ambjent u l-impatt tiegħu fuq il-migranti u l-komunitajiet tagħhom;

- jippromwovu l-protezzjoni u t-tisħiħ ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli;

dwar il-ħarsien soċjali,

- jadottaw politiki ta' appoġġ biex jinkiseb u jinżamm tkabbir fid-dħul tal-40 % tal-popolazzjoni li jinsabu fl-aktar livell baxx f'rata ogħla mill-medja nazzjonali;

- jestendu l-kopertura tal-protezzjoni soċjali bil-għan li tintlaħaq progressivament l-universalità, permezz ta' sigurtà għad-dħul bażiku u sistemi ta' protezzjoni soċjali li jkunu adegwati u kapaċi jirreaġixxu għax-xokkijiet;

- joħolqu swieq tax-xogħol aktar inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb u politiki tal-impjiegi li l-għan tagħhom hu xogħol deċenti għal kulħadd, inkluż it-titjib fil-kondizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema;

- jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-ekonomija informali, inkluż il-protezzjoni soċjali għal kulħadd kif ukoll l-aċċess għall-kreditu u l-mikrofinanzjament u miżuri ta' protezzjoni soċjali msaħħa, bil-għan li tiġi ffaċilitata transizzjoni mingħajr problemi lejn l-ekonomija formali;

dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi,

- jiżguraw li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha;

- jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u jappellaw lil dawk li għadhom ma għamlux hekk biex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-protokoll fakultattiv tagħha dwar id-drittijiet tan-nisa;

- jiżguraw l-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u tan-nisa, billi jeliminaw kull forma ta' vjolenza abbażi ta' ġeneru u sess, u jtemmu ż-żwiġijiet tat-tfal, bikrija u furzati;

- jiżguraw li d-drittijiet soċjali tal-bniet u tan-nisa jiġu rispettati u promossi, l-aktar fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni;

- isaħħu l-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa fil-ħajja politika permezz ta' preżenza aħjar tan-nisa fil-proċessi elettorali, tal-politiki, u tal-governanza, fil-proċessi ta' paċi u fl-isforzi ta' medjazzjoni, u billi jagħtu s-setgħa lill-organizzazzjonijiet tal-bniet u tan-nisa;

- jirrinfurzaw id-drittijiet ekonomiċi tan-nisa, billi jaġevolaw l-aċċess tagħhom għal opportunitajiet ekonomiċi, is-servizzi finanzjarji u l-impjieg, il-kontroll u l-użu tal-art u ta' assi produttivi oħra, u jappoġġaw lill-intraprendituri nisa.

6. KOOPERAZZJONI DIVERSIFIKATA

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-Partijiet ser jaqblu li jagħmlu disponibbli l-mezzi xierqa, kemm finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji, sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan il-Ftehim. Il-kooperazzjoni ser tiġi diversifikata, waqt li ser tkun tinkludi medda ta' politiki u strumenti speċifiċi, u ser titfassal skont il-ħtiġijiet, l-istrateġiji, il-prijoritajiet u r-riżorsi disponibbli sabiex tkun tirrifletti l-varjetà dejjem akbar ta' ċirkustanzi madwar il-pajjiżi u r-reġjuni.

Finanzjament tas-Sħubija

Il-Ftehim, f'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa ser itenni l-importanza ta' approċċ komprensiv u integrat għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u mezzi oħrajn ta' implimentazzjoni mis-sorsi kollha disponibbli (pubbliċi/privati, domestiċi/internazzjonali) u tal-atturi kollha, inkluż il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, u inkluż permezz ta' sorsi u strumenti innovattivi ta' finanzjament, għarfien, ħila esperta, il-bini ta' kapaċitajiet, it-teknoloġija u riżorsi mhux finanzjarji, u l-kooperazzjoni min-Nofsinhar għan-Nofsinhar u triangulari konsistenti mal-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp.

Il-Ftehim ser itenni l-impenn tal-UE favur appoġġ u kollaborazzjoni kontinwi mal-pajjiżi sħab biex jiġu ġenerati riżultati ta' benefiċċju reċiproku. L-impenn finanzjarju tal-UE ser ikun ibbażat fuq il-kapaċitajiet, il-ħtiġijiet u l-prestazzjoni tas-sħab, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet speċifiċi.

L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn politiku u kollettiv tagħha li tipprovdi 0,7 % tal-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) bħala ODA u 0,2 % tad-DNG lill-LDCs fil-limitu ta' żmien tal-Aġenda 2030, kif deskritt fil-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp.

L-UE ser tafferma wkoll mill-ġdid id-determinazzjoni tagħha li tiffoka l-assistenza finanzjarja tagħha fejn hija l-aktar meħtieġa u fejn jista' jkollha l-aktar impatt, speċjalment fuq l-LDCs u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u konflitt. Ser tingħata attenzjoni speċifika lill-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi bi dħul medju (MICs), partikolarment relatati mal-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali; ser tingħata wkoll attenzjoni speċifika lill-isfidi speċifiċi ta' vulnerabbiltà u fraġilità li jiffaċċjaw l-SIDS. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenji politiċi eżistenti tagħhom li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima bħala parti minn sforz globali.

Il-pajjiżi sħab tal-UE ser jikkonfermaw l-impenn tagħhom biex jimmobilizzaw ir-riżorsi domestiċi, inkluż l-finanzi pubbliċi bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Huma ser jagħmlu ħilithom biex iżidu l-effikaċja u l-effettività tan-nefqa pubblika u d-dejn pubbliku tagħhom, jirriformaw il-politika u l-amministrazzjoni fiskali tagħhom, itejbu il-ġbir tad-dħul, jippromwovu miżuri kontra l-korruzzjoni, u jindirizzaw l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti, inkluż f'rifuġji fiskali. Huma ser ukoll jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni tal-istandards dinjin tal-governanza fiskali stabbiliti minn korpi internazzjonali rilevanti.

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li l-flussi tal-kapital tas-settur privat huma vitali biex jikkomplementaw l-isforzi ta' żvilupp nazzjonali. Il-Partijiet ser jiżviluppaw politiki u, fejn xieraq, ser isaħħu l-oqfsa regolatorji biex l-inċentivi tas-settur privat jiġu allinjati aħjar mal-għanijiet pubbliċi u jitrawwem investiment ta' kwalità fuq terminu twil, imġiba responsabbli tan-negozji, u ktajjen tal-valur responsabbli.

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li rimessi huma sors privat ewlieni ta' finanzjament għall-iżvilupp. Il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom biex jippromwovu t-trasferiment orħos, aktar rapidu, u aktar sikur kemm fil-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll dawk destinatarji, inkluż permezz ta' servizzi bankarji bil-mowbajl u bl-internet, u biex jiżguraw li l-leġislazzjoni rilevanti ma jkunx fiha dispożizzjonijiet li jfixklu l-użu effettiv ta' kanali legali biex jintbagħtu r-rimessi.

L-UE ser tiżviluppa forom ġodda ta' involviment ma' pajjiżi sħab aktar avvanzati, inkluż l-kofinanzjament, sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, jappoġġaw il-pajjiżi l-anqas avvanzati, kif ukoll jindirizzaw b'mod konġunt sfidi reġjonali u globali speċifiċi.

Kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp

Il-Ftehim ser jtenni l-importanza u ċ-ċentralità tal-aġenda għall-effettività tal-iżvilupp kif maqbul f'diversi fora internazzjonali, kif ukoll l-impenn tal-Partijiet li japplikaw għall-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp il-prinċipji li ġejjin: is-sjieda demokratika ta' sforzi ta' żvilupp, l-allinjament ma' pjanijiet u prijoritajiet ta' żvilupp ta' sħab, sħubijiet ta' żvilupp inklużiv, fokus fuq ir-riżultati, trasparenza u responsabbiltà reċiproka.

Il-Ftehim ser jiddikjara li modalitajiet u modi differenti u komplementari u modi ta' twassil tal-għajnuna ser jintużaw, skont il-kapaċitajiet, il-ħtiġijiet u l-prestazzjoni ta' kull pajjiż u reġjun. L-għażla bejn il-modalitajiet u l-modi ta' twassil tal-għajnuna ser tikkunsidra wkoll is-sostenibbiltà tad-dejn.

Il-Ftehim ser jiddikjara li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser itejbu ulterjorment il-mod li bih iwettqu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż billi jaħdmu aħjar flimkien, prinċipalment billi jtejbu l-effettività u l-impatt permezz ta' koordinazzjoni u koerenza akbar, u billi japplikaw il-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp u b'kont meħud tal-vantaġġi komparattivi rispettivi tagħhom, inkluż esperjenzi ta' transizzjoni. Il-Programmazzjoni konġunta ser tkun promossa u msaħħa, filwaqt li tibqa' volontarja, flessibbli, inklużiva u mfassla skont il-kuntest tal-pajjiż, bil-għan ta' sostenn għall-pajjiżi sħab aktar koerenti, effettiv u kkoordinat biex jinkisbu l-objettivi kondiviżi. L-implimentazzjoni konġunta ser tiġi segwita kull meta jkun xieraq. L-impenn u s-sjieda tal-pajjiż sieħeb huma essenzjali għal dan il-proċess.

7. QAFAS ISTITUZZJONALI

Atturi

Il-Ftehim ser jafferma mill-ġdid li l-gvernijiet fil-pajjiżi sħab ikollhom rwol ċentrali fis-Sħubija, billi jiddefinixxu u jimplimentaw il-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-pajjiżi tagħhom. Barra minn hekk, huwa ser jirrikonoxxi l-kontribut essenzjali tal-parlamenti nazzjonali u tal-awtoritajiet statali lokali rispettivament f'dak li jirrigwarda t-titjib tar-responsabilità demokratika u biex jikkomplementaw l-azzjoni tal-gvern.

Il-Ftehim ser iżid ir-rwol tal-organizzazzjonijiet reġjonali u kontinentali, b'mod partikolari fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tat-tliet sħubijiet reġjonali, u jiżgura li l-prijoritajiet transnazzjonali jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta filwaqt li l-oqfsa eżistenti għall-kooperazzjoni jiġu ssimplifikati b'mod effettiv filwaqt li jirrikonoxxu l-punti tajbin u l-limitazzjonijiet rispettivi ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi, jappoġġa u jsaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat bħala sħab ewlenin fit-twettiq tal-objettivi tas-Sħubija. Is-soċjetà ċivili u s-settur privat, ser jiġu kkonsultati u għandhom ikunu kapaċi jagħtu kontribut fil-proċess wiesa' ta' djalogu politiku u ta' politika, u fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Ftehim ser jinkludi impenn biex jiżdied l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex tissaħħaħ il-vuċi tagħhom fid-djalogi dwar il-politiki, il-baġits u l-prijoritajiet tal-għajnuna fil-livelli tal-pajjiż, reġjonali u kontinentali, u biex isir progress fid-djalogu politiku, soċjali u ekonomiku.

Dispożizzjonijiet istituzzjonali

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet dwar arkitettura istituzzjonali riformata għall-ġestjoni tas-Sħubija. L-arkitettura istituzzjonali ser tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-kumplimentarjetà, filwaqt li jkun rifless iċ-ċaqliq taċ-ċentru tal-gravità lejn it-tliet sħubijiet reġjonali, u filwaqt li tkun żgurata aktar koerenza u simplifikazzjoni tad-diversi strutturi eżistenti.

Rigward it-tliet sħubijiet reġjonali, il-laqgħat tas-Summit tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ser jipprovdu l-gwida politika strateġika meħtieġa u jiżguraw approċċ reġjonali koerenti.

Kull sħubija reġjonali ser tkun irregolata minn Kunsill ministerjali reġjonali, fdat bil-kompiti li jwettaq djalogu politiku, u li jieħu d-deċiżjonijiet formali kollha li jappartjenu għall-implimentazzjoni jew ir-rieżami tal-Protokoll tas-sħubija reġjonali.

Kull meta jkun xieraq, kull Kunsill jista' jiddeċiedi li jistieden partijiet terzi bħala osservaturi.

Biex jiġi żgurat appoġġ koerenti ta' sħubija mal-Afrika kollha, għandhom jiġu ddefiniti, permezz ta' konsultazzjonijiet, l-aktar modalitajiet xierqa biex il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq jiġu assoċjati mal-ftehim il-ġdid bil-ħsieb li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fid-djalogu politiku u ta' politika tas-Sħubija UE-Afrika. Dan ser ikun mingħajr preġudizzju għall-oqfsa legali, finanzjarji u ta' politika eżistenti ma' dawn il-pajjiżi, b'mod partikolari l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni fil-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Rigward is-Sħubija UE-Afrika, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fis-Summits u l-laqgħat Ministerjali ser jipprovdu t-tmexxija politika u ser ikomplu jinvolvu l-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq. Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet biex jinkorporaw, fejn meħtieġ, id-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tas-Summit u dak ministerjali fis-Sħubija reġjonali UE-Afrika. Il-Ftehim ser jikkontribwixxi għall-iffaċilitar ta' rispons effettiv, effiċjenti u kkoordinat għal kwistjonijiet reġjonali u kontinentali li jaffettwaw kemm il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq kif ukoll il-pajjiżi sub-Saħarjani. Mekkaniżmi xierqa ser jiġu definiti biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet rilevanti huma kompatibbli mal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti (eż. l-Unjoni Afrikana) ser jiġu assenjati rwol prominenti fit-tmexxija ta' sħubijiet reġjonali, b'kont meħud tal-kapaċità u l-prestazzjoni tagħhom. Il-Ftehim ser, fejn xieraq, jiżgura li l-organizzazzjonijiet sub-reġjonali (eż. komunitajiet ekonomiċi reġjonali fl-Afrika) jkunu involuti fil-laqgħat tal-Kunsill ministerjali reġjonali rispettiv, biex b'hekk tittejjeb il-koerenza ma' arranġamenti eżistenti.

Il-Ftehim ser jipprevedi li kull Kunsill Ministerjali jkun jista' jwaqqaf Kumitat Operazzjonali, li jkun jista' jiddelegalu xi whud mis-setgħat tiegħu għat-twettiq tal-kompiti tiegħu. Il-parteċipazzjoni tal-Partijiet fil-Kumitat Operazzjonali ser tkun prevista, kif xieraq.

Il-Ftehim ser jipprevedi dimensjoni parlamentari fil-livell ta' kull sħubija reġjonali, bl-użu ta' strutturi eżistenti fejn disponibbli (eż. laqgħat PE-PAP). Laqgħat parlamentari jenħtieġ li jsiru fid-dawl laqgħat rispettivi tal-Kunsill.

Il-Ftehim ser jipprevedi wkoll mekkaniżmi speċifiċi ta' djalogu u konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha, inkluż l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tas-settur privat fil-livell ta' sħubijiet reġjonali. Laqgħat bħal dawn għandhom isiru fid-dawl tal-laqgħat rispettivi tal-Kunsill, u ser ikunu bbażati fuq l-istrutturi ta' djalogu eżistenti, fejn disponibbli.

Fir-rigward tal-governanza tal-ftehim ta' sħubija ġenerali jista' jsir Kunsill Ministerjali bejn l-UE u l-AKP, wara qbil mill-Partijiet, fil-prinċipju kull tliet snin u meta jkun meħtieġ, biex jipprovdi tmexxija politika strateġika dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw lill-Partijiet kollha, biex jintlaħaq qbil dwar pożizzjonijiet konġunti u biex jiġu implimentati impenji politiċi komuni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali definiti b'dan il-Ftehim. F'każ li l-Kunsill Ministerjali ma jiltaqax matul dan il-perijodu, il-partijiet għandhom ta' kull sena jivvalutaw mill-ġdid il-ħtieġa li jsejħuh.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjonijiet u proċeduri flessibbli li jippermettu lill-Partijiet interessati japprofondixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tematiċi u transreġjonali speċifiċi, fil-livell l-aktar xieraq.

Il-Ftehim ser jippermetti lill-Partijiet biex jidentifikaw modi biex jiżviluppaw metodi ta' ħidma aktar effettivi, biex b'hekk ikun jista' jsir djalogu aktar fil-fond u teħid ta' deċiżjonijiet aktar rapidu u aktar effiċjenti.

8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Applikazzjoni territorjali

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni dwar l-applikazzjoni territorjali, f'konformità ma' formulazzjonijiet standard.

Dħul fis-seħħ

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-Partijiet ser jirratifikaw jew japprovaw dan il-Ftehim f'konformità mar-regoli kostituzzjonali u mal-proċeduri legali tagħhom.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tistabbilixxi d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, li tkun tindika wkoll il-livelli limitu meħtieġa.

Il-Ftehim ser jinkludi wkoll dispożizzjoni li tipprevedi li l-Ftehim, totalment jew parzjalment, jista' jiġi applikat fuq bażi proviżorja sakemm jidħol fis-seħħ u b'konformità mal-proċeduri legali interni u l-leġislazzjoni tal-Partijiet.

Tul ta' żmien, terminazzjoni u rieżami

Il-Ftehim ser jirrikonoxxi li l-prinċipji u l-valuri tal-Fondazzjoni huma dejjiema, filwaqt li t-tliet sħubijiet reġjonali (Protokolli) huma orjentati lejn l-azzjoni u għandhom jiġu rieżaminati fuq bażi regolari.

Dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż għal perijodu inizjali ta' 20 sena. Tliet snin qabel l-iskadenza tal-Ftehim, ser jinbeda proċess bil-ħsieb li jiġi rieżaminat liema dispożizzjonijiet għandhom jirregolaw ir-relazzjonijiet futuri tagħhom. Sakemm ma titteħidx deċiżjoni dwar it-tmiem jew l-estensjoni tal-ftehim mill-Partijiet, il-Ftehim jiġi mġedded b'mod taċitu għal perijodu massimu ta' 5 snin, sa ma jintlaħaq qbil dwar dispożizzjonijiet jew adattamenti ġodda mill-Partijiet kollha.

Il-Ftehim ser jinkludi klawsola rendezvous għal rieżami komprensiv tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Fondazzjoni u s-sħubijiet reġjonali (il-Protokolli), wara l-iskadenza tal-Aġenda 2030.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tistabbilixxi li fuq talba ta' waħda miż-żewġ Partijiet u abbażi ta' deċiżjoni adottata mill-Kunsill UE-AKP, il-Fondazzjoni tal-Ftehim tiġi emendata skont il-proċeduri stabbiliti għar-ratifika u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Il-Ftehim ser jinkludi wkoll dispożizzjoni li tiddikjara li s-sħubijiet reġjonali (il-Protokolli) jistgħu jiġu emendati meta jkun meħtieġ fuq bażi regolari, permezz ta' proċedura simplifikata, fuq talba ta' waħda miż-żewġ Partijiet u fuq il-bażi ta' deċiżjoni adottata mill-Kunsilli rispettivi. Il-Ftehim ser jistabbilixxi l-proċeduri għal tali rieżamijiet regolari.

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tgħid li l-Partijiet jistgħu jtemmu l-Ftehim, u ser jistabbilixxi l-proċeduri għal tali terminazzjoni.

It-twettiq tal-obbligi

Il-Ftehim ser jipprevedi l-possibbiltà għal Parti li tieħu miżuri xierqa f'każ li l-Parti l-oħra tkun naqset milli twettaq xi wieħed mill-obbligi tagħha fir-rigward ta' elementi essenzjali u fundamentali. F'tali każijiet, jenħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa wara li jkunu saru konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet. Il-konsultazzjonijiet jenħtieġ li jsiru fil-livell u fil-forma li tkun ikkunsidrata l-aktar xierqa sabiex tinstab soluzzjoni u fi żmien definittiv. Sabiex ma jkunx hemm sitwazzjonijiet fejn xi Parti tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa l-impenji tagħha fir-rigward tal-elementi essenzjali u fundamentali tal-Ftehim, ser isiru konsultazzjonijiet strutturati u sistematiċi dwar it-tħassib li jitqajjem.

Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom xi Parti tqis li l-Parti l-oħra naqset milli tissodisfa l-impenji tagħha fir-rigward tal-elementi essenzjali u fundamentali tal-Ftehim, ser isiru konsultazzjonijiet strutturati u sistematiċi dwar it-tħassib imqajjem.

Il-Ftehim ser jiżgura wkoll il-possibbiltà li Parti tieħu l-miżuri xierqa jekk il-konsultazzjonijiet jiġu rifjutati jew jonqsu milli jagħtu riżultati aċċettabbli għaż-żewġ naħat, kif ukoll f'każijiet ta' urġenza speċjali mingħajr il-ħtieġa għal konsultazzjonijiet minn qabel.

Il-Ftehim ser jiżgura wkoll il-possibbiltà li Parti tieħu l-miżuri xierqa jekk il-konsultazzjonijiet jiġu rifjutati jew jonqsu milli jagħtu riżultati aċċettabbli b'mod reċiproku, kif ukoll f'każijiet ta' urġenza speċjali mingħajr il-ħtieġa għal konsultazzjonijiet minn qabel. "Miżuri xierqa" u "każijiet ta' urġenza speċjali" jenħtieġ li jkunu definiti bħal fis-CPA taħt l-Artikolu 96 2(b) u 2(c).

Soluzzjoni tat-tilwim

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni dwar mekkaniżmu xieraq u effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim f'każ ta' diverġenza fl-applikazzjoni, l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Adeżjoni

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tistabbilixxi li pajjiżi terzi, li jkollhom valur miżjud fit-trawwim tal-objettivi tas-Sħubija u li jikkondividu l-istess prinċipji u valuri, jistgħu jaderixxu għas-Sħubija u huma milqugħa b'sodisfazzjon fiha. Il-Ftehim ser jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi ta' adeżjoni mal-Ftehim ta' stat indipendenti. Pajjiż terz li jissieħeb bħala membru sħiħ ser igawdi mill-istess drittijiet u jkun soġġett għall-istess obbligi bħall-membri tas-Sħubija. Il-Ftehim ser jipprevedi wkoll il-possibbiltà għall-adeżjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali.

Status ta' osservatur

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tistabbilixxi li partijiet terzi, li jħaddnu l-valuri u l-prinċipji li jirfdu l-Ftehim u li jkollhom valur miżjud fit-trawwim tal-objettivi u l-prijoritajiet speċifiċi tas-Sħubija, jistgħu jingħataw status ta' osservatur.

Testi awtentiċi

Il-Ftehim ser jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li dan il-Ftehim huwa mħejji f'żewġ kopji fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, b'kull test ugwalment awtentiku.